

RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1825 TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2023****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III — Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III — Il-Kummissjoni,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġits tal-aġenziji eżekuttivi għas-sena finanzjarja 2021,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0101/2023),
- A. billi l-baġit tal-Unjoni huwa strument sinifikanti biex jintlaħqu l-oġettivi ta' politika komuni, u bħala medja jirrappreżenta 1,3 % tal-introjt nazzjonali gross tal-Unjoni jew 2,4 % tan-nefqa tal-gvern estiż tal-Istati Membri u l-infiq pubbliku totali fl-Unjoni;
- B. billi, meta l-Parlament jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni, huwa jivverifika u jevalwa jekk il-fondi ntużawx b'mod korrett jew le u jekk l-għanijiet ta' politika ntlaħqux wara awditi interni u esterni, u b'hekk jikkonferma r-regolarità u l-prestazzjoni tal-infiq tal-Kummissjoni f'termini ta' valur għall-flus;

Prijoritajiet politiċi

1. Ifakkar l-impenn qawwi tiegħu għall-prinċipji u l-valuri fundamentali minquxa fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), inklużi l-ġestjoni finanzjarja tajba kif stabbilit fl-Artikolu 317 u l-ġlieda kontra l-frodi u l-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 325;
2. Jisħaq li t-trasparenza, l-akkontabbiltà u l-integrità huma prinċipji etiċi essenzjali fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Unjoni; ifakkar il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") fir-Rapport Speċjali 13/2019 tagħha dwar l-oqfsa etiċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll fir-riżoluzzjoni tal-Parlament, tas-16 ta' Settembru 2021, dwar it-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni billi jiġi stabbilit korp tal-etika indipendenti tal-Unjoni, minn naħa waħda, bi rwol preventiv permezz ta' sensibilizzazzjoni u gwida etika, u, min-naħa l-oħra, bi rwol ta' konformità u konsultattiv bil-kapaċità li jipprovdri rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet etiċi, inkluż dwar kunflitti ta' interess;
3. Jenfasizza r-rwol tal-UPPE, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), tal-Europol u tal-OLAF fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li l-kapaċitajiet tal-UPPE u tal-OLAF, kif ukoll il-kooperazzjoni ta' bejniethom, jissaħħu aktar; jitlob regoli komuni kontra l-korruzzjoni applikabbli għall-persunal kollu tal-korpi tal-Unjoni;
4. Jenfasizza l-importanza tal-baġit tal-Unjoni biex jinkisbu l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, kif ukoll ir-rwol tiegħu biex jassisti lill-Istati Membri f'sitwazzjonijiet mhux previsti bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha; jisħaq li implimentazzjoni soda u f'waqtha tal-baġit tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod aktar effiċjenti u effettiv il-ħtiġijiet u l-isfidi f'oqsma ta' politika differenti; iwissi li l-implimentazzjoni tal-baġit taħt il-pressjoni taż-żmien tista' twassal għal żieda fl-iżbalji u l-irregolaritajiet;

5. Ifakkar fl-importanza ta' evalwazzjoni *ex post* inkluża għall-programmi finanzjarji maħluqa biex jirreaġixxu għal kriżi; l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-programm fir-rigward tal-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tkun konformi mar-Regolament Finanzjarju, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u l-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar;
6. Jissottolinja r-rilevanza tar-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi tal-baġit tal-Unjoni għall-proċedura ta' kwittanza; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-valur miżjud tar-riżorsi investiti huwa marbut mill-qrib mar-riżultati miksuba u l-kontribut tagħhom għat-titjib tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-impatt ekonomiku fi ħdan l-Unjoni;
7. Itenni t-tħassib qawwi tiegħu dwar is-sitwazzjoni rigward l-istat tad-dritt f'għadd ta' Stati Membri, li hija inkwetanti ħafna fiha nfisha u li twassal għal telf serju għall-baġit tal-Unjoni; jissottolinja li l-fondi tal-Unjoni ma jridux jintużaw għal attivitajiet antidemokratiċi jew għat-tisħiħ tal-awtoritarjaniżmu; ifakkar li l-Unjoni introduċiet mekkaniżmu ta' kundizzjonalità legali biex ma jingħatax finanzjament mill-Istati Membri li jimminaw l-istat tad-dritt u jilqa' l-ewwel applikazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu fil-każ tal-Ungerija; din il-proċedura tnediet f'Novembru 2021 u ġiet konklużiva f'Diċembru 2022 bl-iffriżar ta' 55 % tat-tliet programmi tal-politika ta' koeżjoni (madwar EUR 6,35 biljun); għalkemm il-fatti kienu jiġġustifikaw l-iffriżar ta' 100 %, jinnota li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tal-Ungerija u tal-Polonja ġew approvati; jenfasizza li ż-żewġ pjanijiet fihom diversi hekk imsejħa "objettivi importanti immens" fir-rigward tal-istat tad-dritt; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni u żżomm milli tagħti l-finanzjament sakemm il-ksur tal-istat tad-dritt jibqa' jhedded il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni; itenni, f'dan il-kuntest, il-konvinzjoni qawwija tiegħu li l-Istati Membri jehtuġġhom jirrispettaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt sabiex jirċievu fondi tal-Unjoni u jiġbed l-attenzjoni lill-Kummissjoni li s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt kienet qed tiddeterjora wkoll fi Stati Membri oħra; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiskatta mingħajr dewmien l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità kull meta jiġi identifikat ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jkun qed jaffettwa jew jippreżenta riskju serju li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'mod dirett biżżejjed; barra minn hekk jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni filwaqt li jissaħħu l-kontrolli u l-bilanċi istituzzjonali; jissottolinja t-talbiet b'saħħithom u ripetuti tiegħu lill-Kummissjoni u lill-aġenziji eżekuttivi biex jiżguraw il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi jagħmlu użu globali u sistematiku mis-sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar u billi jagħmlu regoli komuni kontra l-korruzzjoni u billi jagħmlu r-reġistru interistituzzjonali tat-trasparenza⁽¹⁾ obbligatorju għall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, anki l-aġenziji;
8. Ifakkar li l-iżvilupp ekonomiku fl-Ungerija kien fil-biċċa l-kbira marbut ma' investimenti ta' kapital barranin; għalhekk jiddeplora r-retorika antimultinazzjonali tal-gvern Ungeriż u jiddeplora l-fatt li l-istituzzjonalizzazzjoni tal-korruzzjoni u s-sistema mhux trasparenti tal-akkwist pubbliku, li għandhom jiġu indirizzati permezz tar-riformi mitluba fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità, ippermettew lill-gvern iżid, f'dawn l-aħħar snin, is-sjeda tiegħu fis-setturi tal-enerġija, tal-banek, tat-telekomunikazzjoni u tal-midja; jiddeplora ċ-ċaħda selettiva u preġudikata tal-permessi u l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet u restrizzjonijiet arbitrarjament riġidi bl-għan li jiddgħajfu u jiġu żvinati ekonomikament ċerti kumpaniji barranin sakemm jiġu mġiegħla jaċċettaw akkwizzizzjoni ostili sħiħa jew parzjali mill-gvern Ungeriż jew mill-oligarki qrib il-gvern bi prezzijiet ferm aktar baxxi mill-valur reali tal-kumpanija; jikkritika lill-Kummissjoni talli ma ssodisfatx ir-responsabbiltà tagħha fir-rigward tad-difiża tas-suq intern u tal-kompetizzjoni ġusta billi ma intervjenietx f'dan il-ksur wiesa' tal-istat tad-dritt u tar-regoli tas-suq intern;
9. Jinnota bi tħassib is-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") rigward il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jieħu nota tar-Rapport Speċjali 11/2022 tal-Qorti "Protezzjoni tal-baġit tal-UE" li fih il-Qorti sabet li għalkemm is-sistema ta' esklużjoni tal-Kummissjoni għandha xi punti b'saħħithom, in-nuqqasijiet jillimitaw l-effettività tagħha; jinnota bi tħassib li l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni (EDES) ħadet aktar żmien milli ppjanat; huwa inkwetat minħabba d-differenzi fl-approċċi li jimminaw l-effettività ġenerali tal-esklużjoni; jistieden lill-Kummissjoni taħdem id f'id mal-Parlament dwar ir-riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju biex tittejjeb aktar l-EDES u ssir għodda effiċjenti u effettiva;

(1) Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1).

10. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu estiżi l-oqsma fejn l-EDES tintuża lil hinn mill-ġestjoni diretta u jitlob lill-Kummissjoni tużaha għall-fondi kollha tal-Unjoni inklużi l-fondi b'ġestjoni kondiviża: jinnota li, l-EDES għandha tintuża sistematikament biex jiġi żgurat li l-kumpaniji u s-sidien benefiċjarji li jkunu nstabu ħatja fir-rigward ta' frodi, korruzzjoni jew attivitajiet kriminali ekonomiċi serji oħra, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-indikaturi fl-Arachne jiġu armonizzati mar-raġunijiet ta' esklużjoni tal-EDES biex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi esklużi jkunu viżibbli wkoll fl-Arachne; jitlob interoperabbiltà massima bejn l-Arachne, l-EDES u għodod tal-IT oħra biex titnaqqas il-ħtieġa li jiddaħħlu punti ta' informazzjoni f'diversi sistemi tal-IT għal bosta drabi u biex il-piż burokratiku jinżamm baxx kemm jista' jkun; jemmen li s-sistemi ta' kontroll ma għandhomx ikunu iżjed numerużi iżda immirati aħjar, filwaqt li jinkludu l-użu ta' teknoloġiji ġodda sabiex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni jew attivitajiet kriminali ekonomiċi serji oħra li ma jistgħux jibbenefikaw mill-fondi tal-Unjoni;
11. Itnni l-ħtieġa imperattiva ta' sistema integrata u interoperabbli unika u obbligatorja ta' informazzjoni u monitoraġġ ipprovduta mill-Kummissjoni, li tippermetti r-reġistrazzjoni u l-ħżin elettroniċi tad-data dwar ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni, inkluż is-sidien benefiċjarji tagħhom u li tippermetti d-disponibbiltà ta' din l-informazzjoni għal finijiet ta' estrazzjoni ta' data u ta' kejl tar-riskju; jissottolinja li huwa essenzjali li tinkiseb ħarsa ġenerali ċara u trasparenti tad-distribuzzjoni u tal-konċentrazzjoni potenzjali tal-fondi tal-Unjoni żborżati, inkluż permezz ta' funzjonalità li tippermetti l-aggregazzjoni ta' dawn il-fondi; jissottolinja li dan inaqqas il-piż burokratiku fuq l-atturi finanzjarji, fuq il-kontrolluri u l-awdituri, kif ukoll fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Unjoni, u għandu jiffaċilita l-valutazzjoni tar-riskju għall-finijiet tal-ġhażla, l-ġhoti, il-ġestjoni finanzjarja, il-monitoraġġ, l-investigazzjoni, il-kontroll u l-awditu u jikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u s-segwitu effettivi tal-frodi, tal-korruzzjoni, tal-kunflitti ta' interess, tal-finanzjament doppju u ta' irregolaritajiet oħra, li għandhom jiġu indirizzati b'mod serju kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll tal-Unjoni, permezz ta' miżuri preventivi u deterrenti effettivi u effiċjenti, inklużi sanzjonijiet ċari; jinnota li din id-diġitalizzazzjoni jmissha ġa saret u hija indispensabbli minħabba n-natura transfruntiera tal-użu ħażin tal-fondi, il-frodi, l-appropriazzjonijiet ħżiena, il-kunflitti ta' interess, il-finanzjament doppju u problemi sistemiċi oħrajn; jissottolinja li din l-ġhodda unika tal-estrazzjoni ta' data għandha tkun tista' tiġi mfittxija u tkun disponibbli faċilment għall-OLAF, l-UPPE u l-Kummissjoni, sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u tan-Next Generation EU kontra l-irregolaritajiet, il-frodi u l-kunflitti ta' interess;
12. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li mhux l-Istati Membri kollha jaġġmlu użu mill-ġhodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju biex jidentifikaw proġetti, benefiċjarji u kuntratturi friskju ta' frodi, kunflitti ta' interess u irregolaritajiet taħt il-faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF); jinnota li ħamsa mill-Istati Membri fil-kampjun tal-awditjar tal-Qorti (il-Ġreċja, Spanja, Franza, il-Kroazja u l-Italja) se jużaw l-ġhodda tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni ta' data u għall-valutazzjoni tar-riskju; ifakkur li ġhodda komuni għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju hija element kruċjali fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, b'mod aktar speċifiku, fil-prevenzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u finanzjament doppju, kif ukoll fiż-żieda tat-trasparenza u l-akkontabbiltà;
13. Japprezza l-utilità tas-sit web Kohesio u l-Pjattaforma Open Data stabbiliti mill-Kummissjoni bħala għodod ta' trasparenza u ta' akkontabbiltà għall-politika ta' koeżjoni u għall-investimenti relatati mal-ġestjoni kondiviża għall-perjodi ta' programmazzjoni 2014-2020 u 2021-2027, li jiġbru flimkien il-listi nazzjonali ta' proġetti appoġġjati mill-Unjoni u joffru mmappjar tal-operazzjonijiet (Kohesio) u jipprovdut data aġġornata dwar il-programmi adottati, kif ukoll il-monitoraġġ regolari tal-finanzi u l-impenji u l-pagamenti tal-Unjoni (Pjattaforma Open Data); jinnota l-adattamenti li għaddejjin bħalissa mwettqa biex ikopru b'mod adegwat il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, iżda jisħaq fuq il-ħtieġa imperattiva ta' koordinazzjoni u interoperabbiltà mal-ġhodda għall-kejl tar-riskju Arachne; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura interoperabbiltà effettiva bejn l-ġhodod differenti;
14. Itnni l-ħtieġa li tiġi bbilanċjata aħjar is-simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli u l-proċeduri b'kontrolli mtejbja fuq l-aktar oqsma ripetuti ta' nfiq irregolari, jiġu żviluppati sessjonijiet ta' taħriġ mandatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u jittejjbu l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha;

15. Jisħaq fuq l-użu u l-importanza akbar tal-indikaturi tal-prestazzjoni, inklużi l-għażla tal-indikaturi, id-definizzjoni tal-miri u l-istadji importanti u l-monitoraġġ u r-rapportar fid-dawl tal-mudelli l-ġodda ta' implimentazzjoni għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Politika Agrikola Komuni riformata; f'dan ir-rigward jitlob lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni b'indikaturi aktar simplifikati u kwalitattivi bħal indikaturi dwar l-infiq relatat mal-klima, dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u indikaturi dwar il-bijodiversità, kif rifless fl-atti bażiċi adottati tal-programmi ta' nfiq 2021-2027; jinnota li l-istadji importanti u l-miri kif ukoll l-indikaturi tal-output huma differenti fin-natura tagħhom; jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tkompli tiddistingwi bejn l-investimenti u r-riformi; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippovdi ħarsa ġenerali lejn iċ-ċiklu sħiħ tal-awditjar fi ħdan l-Istati Membri, il-Kummissjoni kif ukoll ħarsa ġenerali lejn il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-awditjar rispettivi inkluża l-Qorti, kif ukoll l-OLAF u l-UPPE;
16. Huwa mħasseb dwar l-għadd dejjem akbar u l-kumplessità tal-istrumenti kważi-legali tal-Kummissjoni bħal opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet, komunikazzjonijiet, riżoluzzjonijiet mhux leġiżlattivi, avviżi, dokumenti ta' gwida u dikjarazzjonijiet ta' prijoritajiet amministrattivi; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika u tirrazzjonalizza dawn l-istrumenti u tużahom bl-intenzjoni li tissimplifika aktar il-proċeduri u tnaqqas il-piż burokratiku; ifakkar fil-programm REFIT intiż li jissimplifika r-regoli tal-Unjoni u jnaqqas il-piżijiet bla bżonn, filwaqt li jikseb il-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni u billi jintroduċi l-approċċ "one in, one out"; jitlob għall-applikazzjoni sistematika mill-Kummissjoni tal-prinċipju li jfisser li l-piżijiet introdotti ġodda jiġu kkompensati billi jitneħħew il-piżijiet ekwivalenti fl-istess qasam ta' politika;
17. Itenni l-ħtieġa li jiżiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-frodi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UPPE u l-OLAF; japprezza l-isforzi notevoli u jisħaq fuq ir-rwol tal-UPPE fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tal-indipendenza u l-imparzjalità sħiħa tal-UPPE għall-eżerċitar effettiv tal-funzjonijiet tiegħu; jisħaq fuq il-fatt li l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effettività tal-UPPE u l-OLAF jirrikjedu biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani, speċjalment fid-dawl tal-kompiti l-ġodda relatati man-NextGenerationEU (NGEU); jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni b'mod urġenti rigward it-talbiet magħmula mill-UPPE dwar l-implimentazzjoni baġitarja tiegħu, sabiex l-UPPE jkun jista' jsir uffiċċju ta' prosekuzzjoni totalment effettiv;
18. Jinnota li l-Kummissjoni tippreżenta r-rapport annwali tagħha dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni (ir-rapport PIF) fil-ħarifa tas-sena ta' wara, li jagħmilha impossibbli għall-Parlament li jadotta r-rapport qabel jgħaddu sentejn mill-perjodu kkonċernat fir-rapport (n+2); jisħaq fuq il-fatt li sabiex tinkiseb effiċjenza aħjar fl-adozzjoni tal-politiki u l-kontromiżuri tal-Unjoni għall-frodi, l-evazzjoni tat-taxxa u irregolaritajiet finanzjarji oħra ppreżentati fir-rapport, il-Parlament għandu jkun jista' jipproċessa u jadotta r-rapport PIF mhux aktar tard mis-sena d-dieħla (n+1); jistieden lill-OLAF u lill-Kummissjoni jadottaw ir-rapportar tagħhom dwar il-PIF kif xieraq;
19. Jissottolinja l-importanza tal-operazzjonijiet trasparenti tal-NGOs u l-intermedjarji fir-rigward tal-finanzjament u tas-sjieda tagħhom, peress li huma atturi importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni fl-ambitu tal-metodi ta' ġestjoni differenti u speċjalment fil-qasam tal-azzjoni esterna; jinsab imħasseb ħafna dwar il-finanzjament ta' proġetti mwettqa mill-NGOs jew li jinvolvuom b'rabtiet ma' organizzazzjonijiet reliġjużi u politiċi radikali; jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li l-Unjoni tiffinanzja biss organizzazzjonijiet li jirrispettaw strettament il-valuri kollha tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi *ex ante* li jidentifikaw b'mod ċar l-NGOs li joperaw fit-territorju tal-Unjoni u lil hinn minnu li għandhom rabtiet magħrufa ma' networks fundamentalisti reliġjużi u li jmexxu 'l quddiem aġenda li qed iddghajef il-valuri tal-Unjoni; jappella, f'dan il-kuntest, għall-ħolqien ta' lista sewda pubblika ta' NGOs, li involvew ruħhom f'attivitajiet bħad-diskors ta' mibegħda, l-inkitament għat-terroriżmu, l-estremiżmu reliġjuż li jappoġġja jew jigglorifika l-vjolenza, jew li użaw ħażin jew wettqu approprijazzjoni indebita ta' fondi tal-Unjoni u li huma elenkati fil-bażi ta' data tal-EDES, sabiex jiġi żgurati li dawn jiġu mblukkati mill-aċċess għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għall-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni; itenni li l-ebda fond ma jista' jiġi allokat jew ikun marbut ma' kwalunkwe kawża jew forma ta' terroriżmu u/jew radikalizzazzjoni reliġjuża jew politika; jenfasizza l-ħtieġa ta' verifika minn qabel u bir-reqqa fir-rigward tar-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' trasparenza biex jiġu żvelati s-sorsi kollha ta' finanzjament; jinnota li l-finanzjament mill-fondi tal-Unjoni jrid ikun traċċabbli mir-riċevitur dirett sal-benefiċjarju finali meta l-fondi jiġu trasferiti tul katina; ifakkar li fir-rigward tal-finanzjament pubbliku, l-atti bażiċi tal-Unjoni jirregolaw kif għandhom jiġu ttrattati t-trasparenza u l-viżibbiltà f'dan ir-rigward, u għalhekk ifakkar lill-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà li għandha biex tivverifika l-konformità mar-regoli u l-proċeduri, speċjalment ir-regoli u l-proċeduri dwar l-għotjiet sussidjarji lill-NGOs u lill-intermedjarji tal-istituzzjonijiet finanzjarji; jitlob, barra minn hekk, li l-Kummissjoni tippovdi lill-awtorità ta' kwittanza ħarsa ġenerali tal-ammont totali tan-nefqa relatata mal-NGOs tal-Unjoni;

20. Fl-interess taċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali u l-istat tad-dritt, jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal Regolament dwar l-NGOs li tinkludi definizzjoni ċara u kategorizzazzjoni tal-oqsma ta' attività u d-daqs tal-NGOs; il-leġiżlazzjoni għandha ttiprovdi ħarsa ġenerali ċara tal-kundizzjonijiet għall-kisba, min-naħa tal-NGOs, ta' fondi tal-Unjoni, li tkopri l-obbligi li ġejjin:
- (a) tirrapporta l-ammonti u s-sorsi ta' finanzjament riċevuti kif ukoll tirreġistra l-attivitàjiet kollha tagħhom imwettqa f'isem id-diriġenti barranin;
 - (b) tqiegħed tikketta tal-materjal li jixxerred bl-informazzjoni rikjesta
 - (c) tiddivulga l-flussi ta' dħul u ħruġ finanzjarji u mhux finanzjarji tagħhom, inklużi pagamenti jew donazzjonijiet mhux finanzjarji li jiġu mgħoddija minn NGO għal oħra fi ħdan organizzazzjoni umbrella lill-membri tagħha;
 - (d) tiżvela l-finanzjament ta' reklamar politiku jew ta' kampanji politiċi min-naħa tal-NGOs;
 - (e) tikkonforma mal-akkontabilità demokratika u r-rispett għall-valuri tal-Unjoni;
 - (f) għal NGOs kbar ħafna bi strutturi korporattivi simili għall-kumpaniji privati, l-obbligi ta' rapportar dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-impjegati, id-dispożizzjoni għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-obbligi ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà, it-tassonomija għall-investimenti u l-ħoloq tal-katina tal-provvista fix-xiri;
21. Jisħaq fuq il-fatt li l-proposta għandha tkopri wkoll l-obbligi ta' trasparenza f'isem il-Kummissjoni, inkluż fir-rigward tal-iżvelar ta' ftehimiet finanzjarji, amministrattivi jew ta' kooperazzjoni mal-NGOs;
22. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-proposti leġiżlattivi kollha, li għandhom impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali sinifikanti għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt solidi u bir-reqqa; jisħaq li dan huwa parti mill-aġenda tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar u jissottolinja li l-awtorità ta' kwittanza se timmonitorja mill-qrib li dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt jitwettqu b'mod kompletament newtrali u imparzjali u li janalizzaw sistematikament l-impatti tal-għażliet ikkunsidrati, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta, inkluż billi jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati, permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa;
23. Jindika r-Rapport Speċjali 17/2022 tal-Qorti "Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea" li jenfasizza li l-Kummissjoni Ewropea tonfoq madwar EUR 1 biljun kull sena fuq l-ikkuntrattar ta' konsulenti esterni, billi tużahom biex tappoġġja firxa wiesgħa ta' konsulenza, studju, attivitàjiet ta' evalwazzjoni u riċerka u kkonkluda li l-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-użu ta' konsulenti esterni la kienet tiżgura li timmassimizza l-valur għall-flus, u lanqas tissalvagwardja bis-sħiħ l-interessi tagħha; jisħaq, barra minn hekk, li hemm lakuni sinifikanti fil-qafas li jirregola l-użu ta' dawn is-servizzi, b'riskji potenzjali relatati mal-konċentrazzjoni tal-fornituri tas-servizzi, id-dipendenza żejda u l-kunflitti ta' interess li mhumiex immonitorjati biżżejjed; jitlob f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa l-qafas tagħha li jirregola l-użu ta' konsulenti esterni, tagħmel użu aħjar mir-riżultati ta' servizzi ta' konsulenti esterni, ittejjeb il-monitoraġġ biex ittaffi r-riskji li jirriżultaw mill-użu ta' servizzi ta' konsulenti esterni u ttejjeb ir-rappurtar tagħha dwar l-użu ta' servizzi ta' konsulenti esterni kif ukoll ttiprovdi data eżatta u kompluta dwar il-volum u t-tipi ta' servizzi akkwistati. Jisħaq, barra minn hekk, fuq il-potenzjal mhux użat tal-Aġenziji tal-Unjoni f'li jipprovdu informazzjoni speċifika u rilevanti, u l-istess prodotti ta' kwalità bħall-konsulenti esterni, jekk il-mandati tagħhom jippermettu dan; jistieden lill-Kummissjoni teżamina din il-possibbiltà fil-futur għal finijiet ta' konsulenza u riċerka f'oqsma speċifiċi;
24. Jilqa' pożittivament il-kontribut inizjali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-potenzjal ulterjuri tagħha għall-prevenzjoni ta' reċessjoni ekonomika qawwija wara l-pandemija tal-COVID-19; jinnota li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet strumentali biex isir progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSR) li jirriżultaw mis-Semestru Ewropew fi kważi l-Istati Membri kollha; jinnota madankollu li diversi CSRs għadhom ma ġewx indirizzati, jinnota wkoll il-kontribut tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-Unjoni jsiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

25. Jinnota s-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti fl-ewwel valutazzjoni annwali tagħha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jifhem li l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ssir taħt pressjoni ta' żmien, sabiex jiġi provdut appoġġ f'waqtu għall-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19, b'madankollu, mudell tal-implimentazzjoni ħafna aktar dirett li jpoġġi rekwiżiti ferm anqas stretti sew fuq il-Kummissjoni u sew fuq l-Istati Membri, u jnaqqas il-piż tal-kontroll mill-Kummissjoni u jgħaddih fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari meta mqabbel mal-iffinanzjar, ir-rapportar u l-istruttura ta' kontroll tal-politika ta' koeżjoni jew dik agrikola; jenfasizza li kwalunkwe mudell ta' implimentazzjoni rapida għandu jkun akkumpanjat minn sistema ta' kontroll robusta li l-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għaliha; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li meta tipproponi programmi u politiki ġodda tal-Unjoni b'mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq il-prestazzjoni kif użat fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, tintegra bis-sħiħ it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza minn awditi u valutazzjonijiet magħmula mill-Qorti; ifakkar fl-importanza li wieħed ikun jaf jekk l-assorbiment tal-fondi huwiex fit-triq it-tajba, peress li s-sena 2023 hija l-punt tan-nofs tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jirrikonoxxi l-progress li sar mill-Kummissjoni fl-indirizzar tat-tħassib tal-awtorità ta' kwittanza rigward it-trasparenza u l-akkontabbiltà permezz tal-istabbiliment ta' pjattaforma simili għall-pjattaforma Kohesio għall-Politika ta' Koeżjoni;
26. Jilqa' l-ftehim milħuq fin-negozjati interistituzzjonali dwar ir-RePowerEU fir-rigward tal-pubblikazzjoni biannwali tal-akbar 100 benefiċjarju finali għal kull Stat Membru fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; itenni l-appell tiegħu biex il-lista tal-benefiċjarji finali kollha fil-politiki u fil-proġetti kollha tal-Unjoni ssir disponibbli fil-qafas tal-proċedura ta' kwittanza għall-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u għall-awtorità ta' kwittanza;
27. Jinnota l-isforzi ta' suċċess min-naħa tal-Kummissjoni biex tikseb fondi fis-swieq finanzjarji biex tipprovdi l-mezzi finanzjarji għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, bħala strument importanti fi żmien ta' kriżi estrema; madankollu jesprimi tħassib dwar iż-żieda fir-rati tal-imgħax u l-kapaċità inċerta li tirriżulta biex jitħallas lura s-self, u r-riskju li dan joħloq għall-baġit maqbul tal-Unjoni u għall-politiki tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmitiga r-riskju u żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ dwar l-istatus annwali ta' dan is-self;
28. Jesprimi tħassib dwar l-għadd limitat ta' proġetti transfruntiera fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jirrikonoxxi fl-istess ħin li wieħed mill-oġettivi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li jappoġġja l-irkupru ekonomiku fl-Istati Membri tal-Unjoni wara l-pandemija tal-COVID-19; jisħaq fuq il-fatt li l-allinjament tal-Faċilitajiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza nazzjonali mal-oġettivi ta' politika tal-Unjoni, inklużi proġetti transfruntiera, jiġġenera valur miżjud tal-Unjoni;
29. Jinsab imħasseb li bħal fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, l-adozzjoni tard ta' sensiela ta' regolamenti li jirregolaw politiki differenti tal-Unjoni, dewmet b'mod sinifikanti l-bidu tal-implimentazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tħaffef l-implimentazzjoni tal-politiki fil-prattika, filwaqt li tagħmel enfasi kbira fuq il-kwalità u l-ħtieġa li tiżdied il-għieda kontra l-frodi u li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, speċjalment b'ġestjoni kondiviża, parti sinifikanti mill-allokazzjoni baġitarja tal-2021 għandha tiġi pprogrammata mill-ġdid għas-snin ta' wara; jenfasizza f'dan il-kuntest ir-riskju li jkollhom l-impenni pendenti fuq il-baġit tal-Unjoni, billi possibbilment jiġġeneraw diżimpenni sinifikanti li min-naħa tagħhom inaqqsu l-impatt tal-baġit tal-Unjoni; jitlob li l-Kummissjoni tindika lill-awtorità ta' kwittanza l-miżuri li biħsiebha tiegħu biex tevita din is-sitwazzjoni u tislet il-konklużjonijiet u l-esperjenza meħtieġa biex tiżgura li sitwazzjoni simili ma titħallix isseħħ fil-bidu tal-QFP 2028–2034;
30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Qorti u lill-Kunsill biex jaħdmu ħalli jħaffu l-proċess ta' kwittanza għall-n+1;
31. Jinnota li l-Protokoll Nru 7 tat-TFUE (Privileġġi u immunitajiet tal-Unjoni Ewropea) jipprevedi l-hekk imsejħa "Laissez-Passers" li għandhom jinħarġu lill-membri tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u b'mod partikolari lill-Membri tal-Parlament Ewropew, għall-użu bħala dokumenti tal-ivvjaġġar; jinsab imħasseb dwar il-fatt li s-servizz ċentrali tal-Kummissjoni għal-Laissez-Passers imur kontra r-reġistrazzjoni tal-"funzjoni" ta' Membru tal-Parlament Ewropew fuq id-dokument, li jfisser li l-membri ma jistgħux jagħtu prova tal-istatus tagħhom meta jivvjaġġaw, għall-kuntrarju, pereżempju, tal-persunal diplomatiku tas-SEAE; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni urġenti biex tirrettifika din l-inkonsistenza sabiex il-membri tal-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jagħtu prova adegwata tal-kariga tagħhom meta jivvjaġġaw.

32. Jiddispijaċih li, għal darb' oħra, il-Qorti ħarġet opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa, u sabet li l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri sempliċiment mhumiex affidabbli biżżejjed; jissottolinja l-importanza li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li mhumiex meqjusa affidabbli mill-Qorti, u b'hekk tiġi kompromessa l-affidabbiltà tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni;
33. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha ssegwi fid-dettall l-osservazzjonijiet kollha tal-Parlament, inklużi l-prijoritajiet politiċi kollha;

KAPITOLU I

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti u l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

Affidabbiltà tal-kontijiet

34. Jilqa' l-fatt li għas-sena 2021, il-Qorti ssib li l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea huma affidabbli, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u li, in-naħa tad-dħul tal-baġit hija ħielsa minn kwalunkwe żball materjali;
35. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligazzjonijiet totali ammontaw għal EUR 496,4 biljun, meta mqabbla ma' EUR 414,1 biljun tal-assi totali; jenfasizza li d-differenza ta' EUR 82,3 biljun kienet tirrappreżenta assi netti (negattivi), li jinkludu riżervi u dik il-parti tal-ispejjeż li l-Unjoni kienet diġà ġarrbet sal-31 ta' Diċembru u li trid tiġi finanżjata minn baġits futuri;
36. Jinnota li fi tmiem l-2021, il-valur stmat tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba dovuti lill-benefiċjarji iżda li għadhom ma ġewx iddikjarati kien ta' EUR 129,9 biljun (2020: EUR 107,8 biljun), irreġistrati bħala spejjeż dovuti; jinnota li ż-żieda f'dik l-istima hija relatata prinċipalment mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li hija l-qofol tal-programm Next Generation EU stabbilit biex jindirizza l-ħsara ekonomika u soċjali immedjata li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19; jenfasizza li l-pagamenti lill-Istati Membri fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jseguw profil ta' ħlas parzjali predefinit sal-2026;
37. Jinnota li wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni sussegwentement għall-proċess ta' ħruġ tar-Renju Unit, il-Kummissjoni stmat li, fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-kontijiet tal-Unjoni wrew riċevibbli nett dovut mir-Renju Unit ta' EUR 41,8 biljun (2020: EUR 47,5 biljun), li minnhom huwa stmat li EUR 10,9 biljun se jitħallsu fit-12-il xahar wara d-data tar-rapportar;
38. Jinnota li l-Qorti vvalutat l-impatt fuq il-kontijiet tal-aggressjoni militari mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna; jilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti li t-trattament tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna bħala avveniment wara l-ghelug tal-karta tal-bilanċ mingħajr aġġustament huwa xieraq u li l-impatt tiegħu ġie żvelat u ppreżentat b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati;
39. Jinnota li l-Qorti, bħala parti mill-proċeduri normali ta' awditjar tagħha, awditjat l-assi, l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-miżuri meħuda mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' azzjonijiet relatati mal-COVID-19; jilqa' l-fatt li l-Qorti kkonkludiet li dawn huma ppreżentati b'mod ġust fil-kontijiet annwali konsolidati;

Legalità u regolarità tad-dħul u tan-nefqa tal-Unjoni

40. Jesprimi dispijaċir dwar opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-naħa tan-nefqa tal-baġit tal-Unjoni, maħruġa mill-Qorti;
41. Jinnota r-rata ġenerali ta' żball ikkalkolata mill-Qorti ta' 3,0 %, li hija 1,0 % ogħla mil-livell limitu ta' materjalità; jinnota li dan huwa deterjorament meta mqabbel mal-2020, meta r-rata ta' żball kienet ta' 2,7 %, li kienet ukoll ogħla sew mil-livell limitu ta' materjalità; jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni li ma tikkontestax ir-rata ta' żball stabbilita tal-Qorti, u tiddefendi r-riżultati tal-ħidma tagħha stess li tirriżulta frata ta' żball stmata fil-waqt tal-pagament li hija bbażata fuq metodoloġija differenti; jinnota li l-Kummissjoni tikkalkula r-riskju tagħha fil-waqt tal-pagament għall-2021 bħala 1,9 %; huwa inkwetat minħabba l-fatt li, għall-kuntrarju tal-Qorti, il-Kummissjoni tistma li r-rata ta' żball tagħha hija taħt il-livell limitu ta' materjalità u tmur saħansitra taħt il-medda tal-qiegħ tal-livell stmat ta' żball tal-Qorti, ta' 2,2 %;

42. Jiddeplora l-fatt li l-iżbalji li nstabu huma sinjal ta' nuqqasijiet persistenti fir-regolarità tan-nefqa ddikjarata mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u li l-Qorti identifikat nuqqasijiet fil-metodoloġiji ta' kampjunar tal-awtoritajiet supervizzorji;
43. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tqis li l-valutazzjoni tar-riskju tal-Kummissjoni x'aktarx tissottovaluta l-livell ta' riskju f'diversi oqsma; jenfasizza li l-Qorti rrapportat nuqqasijiet fl-awditi *ex post* tal-Kummissjoni fl-Intestatura 1 "Suq uniku, innovazzjoni u diġitali", sottovalutazzjoni tal-iżbalji fl-Intestatura 2 "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", u sottostimi tar-riskju u għadd kbir ta' żbalji fl-Intestatura 6 "Il-Viċinat u d-Dinja", fost kwistjonijiet oħra; jenfasizza li fl-intestatura "Riżorsi Naturali u Ambjent" iż-żewġ istituzzjonijiet huma allinjati fil-kalkoli tagħhom filwaqt li pereżempju għall-intestatura "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali", il-Qorti tistma livell ta' żball ta' 4,4 % filwaqt li l-Kummissjoni tistma riskju fil-waqt tal-pagament ta' 1,3 %;
44. Jinnota li l-Kummissjoni tapplika kontrolli għall-baġit tal-Unjoni kemm qabel kif ukoll wara li jkunu saru l-pagamenti, u tagħmel korrezzjonijiet jekk u meta jkun meħtieġ; jinnota li din is-sistema ta' kontroll hija riflessa kemm fir-"riskju fil-waqt tal-pagament", li huwa stima tal-livell ta' nefqa li mhuwiex konformi mar-regoli u r-regolamenti applikabbli fiż-żmien tal-pagament, kif ukoll fir-"riskju fil-waqt tal-għeluq" (tal-programm), li jistma l-livell ta' nefqa li mhuwiex konformi meta jitlestew il-kontrolli u l-korrezzjonijiet relatati kollha u, legalment, ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni ulterjuri; jinnota wkoll li l-istima tal-Kummissjoni tar-riskju fil-waqt tal-għeluq huwa ta' 0,8 %, ferm taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;
45. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-approċċ u l-metodoloġija tal-awditjar tal-Qorti; jinnota li l-metodoloġija tal-Qorti hija bbażata fuq standards internazzjonali ta' awditjar li jinvolvu l-ittestjar ta' kampjun aleatorju ta' tranżazzjonijiet u li kampjun rappreżentattiv ma jistax ikun ibbażat kollu kemm hu fuq ir-riskju; jinnota bi tħassib id-diverġenzi bejn ir-rati ta' żball u r-riskju fil-waqt tal-pagament kif ikkalkolati mill-Qorti u mill-Kummissjoni; jenfasizza li dawn id-differenzi ma jseħħux fl-oqsma kollha tan-nefqa; jirrimarka l-fatt li l-istimi tal-Kummissjoni għar-riskju fil-waqt tal-pagament huma konsistentement fil-medda inferjuri jew taħt l-istimi statistiċi tal-Qorti u huwa mħasseb li dan jirrappreżenta sottovalutazzjoni sistematika tal-livell ta' żball eżistenti mill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-metodoloġija tagħha u tikkooopera mal-Qorti bil-ħsieb li tizzied l-armonizzazzjoni sabiex jiġu previsti ċifri aktar komparabbli; jissottolinja madankollu li l-istima ġenerali tar-rata ta' żball ippreżentata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti mhijiex qed tindika l-okkorrenza ta' frodi;
46. Huwa inkwetat li l-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi fuq riskji potenzjalment sottovalutati, ma tistax tipproteġi b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; huwa mħasseb ukoll bil-konfużjoni li dan joħloq għall-awtorità ta' kwittanza u għaċ-ċittadini tal-Unjoni, peress li l-Kummissjoni minn naħa waħda taċċetta r-rata ta' żball tal-Qorti f'oqsma li fihom din hija taħt il-livell limitu ta' materjalità (riżorsi naturali), madankollu tippreżenta l-iżball stmat tagħha stess fil-waqt tal-pagament f'oqsma li fihom ir-rata ta' żball tal-Qorti tkun ogħla mil-livell limitu ta' materjalità, li tqajjem mistoqsijiet dwar l-affidabbiltà tar-rapportar finanzjarju;
47. Jistieden lill-Qorti tispeċifika liema hu l-impatt tal-miżuri korrettivi fuq il-livell ta' żball kumplessiv;
48. Jinnota s-segwitu tal-Qorti għall-osservazzjonijiet li jirriżultaw mir-Rapport Annwali tal-2020 fir-rigward tar-rapportar dwar l-irkupri fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Kummissjoni li l-Qorti tqis li huma kumplessi u mhux dejjem ċari; jilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti li r-reviżjoni tal-Kummissjoni tar-rapportar tagħha gābet titjib; huwa inkwetat, madankollu, minħabba li l-Qorti tqis li l-preżentazzjoni ta' "korrezzjonijiet għal pagamenti fil-passat" (EUR 5,6 biljun) u l-perċentwal assoċjat tan-nefqa rilevanti (3,3 %) mhumiex adegwati u suxxettibbli għal nuqqas ta' fehim; jinnota b'mod partikolari s-sejba tal-Qorti li ċ-ċifri ppreżentati jinkludu miżuri preventivi, li mhumiex relatati ma' pagamenti fil-passat jew nefqa aċċettata, u miżuri preventivi tal-Istati Membri, li ma jstgħux jiġu attribwiti direttament lill-Kummissjoni;

49. Jinnota li l-Qorti sabet li n-nefqa b'riskju baxx kienet ħielsa minn żball materjali iżda li n-nefqa b'riskju għoli baqgħet affettwata minn żball materjali; jenfasizza li l-akbar kontributori għar-rata ta' żball ta' 3,0 % kienu "Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri" (1,2 punti perċentwali), segwit minn "Riżorsi Naturali u Ambjent" (0,7 punti perċentwali), "Il-Viċinat u d-Dinja" (0,4 punti perċentwali) u "Suq uniku, Innovazzjoni u Diġitali" (0,4 punti perċentwali);
50. Jinnota li l-Qorti taqşam il-popolazzjoni tal-awditjar tagħha f'nefqa b'riskju għoli (prinċipalment pagamenti bbażati fuq ir-rimborż) u f'nefqa b'riskju baxx (prinċipalment pagamenti bbażati fuq l-intitolamenti); jinnota, madankollu, bi tħassib, li l-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tikkategorizza n-nefqa f'segmenti ta' riskju ogħla, medju u aktar baxx, abbażi tal-verifiki mwettqa kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali, sħab oħra u l-Kummissjoni nfisha; jenfasizza li l-użu ta' kategoriji differenti ta' riskju mill-Qorti u mill-Kummissjoni jippreżenta sfida għall-ħidma tal-awtorità ta' kwittanza meta tagħmel analiżi komparattiva tar-rapporti rispettivi; jinnota bi tħassib li dan iwassal għad-diskrepanza bejn il-kalkolu tal-Qorti tan-nefqa b'riskju għoli bħala 63,2 % meta mqabbla mal-kalkolu tal-Kummissjoni ta' 22 %; itenni li tali diskrepanzi bejn il-Qorti u l-Kummissjoni qed ixekklu l-affidabbiltà tad-data tal-input meħtieġa għall-awtorità ta' kwittanza;
51. Jinnota bi tħassib li nstabu problemi sostanzjali fin-nefqa bbażata fuq ir-rimborżi, li tirrappreżenta 63,2 % tal-popolazzjoni tal-awditjar tal-Qorti, li fiha l-livell smat ta' żball huwa ta' 4,7 %; jieħu nota tal-fatt li l-effetti tal-iżbalji misjuba mill-Qorti huma kemm materjali kif ukoll pervażivi għan-nefqa aċċettata tas-sena;
52. Jinnota li, minkejja l-fatt li l-Qorti tqis in-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza aċċettata fil-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 bħala legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, ikkunsidrat li stadju importanti fil-pagament lil Spanja ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti, u jibqgħu d-dubji dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-istadju importanti u l-miri assoċjati man-nefqa relatata tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota l-valutazzjoni tal-Qorti li qieset l-iżball bħala mhux materjali; ifakkar li l-objettiv tal-awditu tal-Qorti għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kien li jikkontribwixxi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u jipprovdi l-bażi għall-opinjoni tagħha dwar ir-regolarità tan-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-2021; jinnota li l-popolazzjoni tal-awditjar kienet tinkludi l-uniku żborż tal-2021, pagament li sar lil Spanja, u l-approvazzjoni tal-prefinanzjament relatat; ifakkar li l-unika raġuni għalfejn l-iżball identifikat ma kienx ikkwantifikat kienet l-assenza ta' metodoloġija għall-pagamenti parzjali mill-Kummissjoni; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni ppubblikat metodoloġija bħal din fil-21 ta' Frar 2023;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

53. Jinnota bi tħassib li fl-2021 l-implimentazzjoni tal-impenji kienet baxxa ħafna, bi 68 % tal-ammont totali disponibbli, u li l-adozzjoni tard tar-regolamenti settorjali matul l-2021 ittardjat it-tnejja ta' programmi ġodda; jilqa' l-fatt li r-rata ġenerali ta' assorbiment tal-FSIE żdiedet fl-2021 minħabba pagamenti ogħla milli fl-2020; jenfasizza li fi tmiem l-2021, madwar EUR 161 biljun kienu għadhom iridu jiġu assorbiti mill-għeluq tal-programmi tal-FSIE fl-2025; itenni t-tħassib tiegħu dwar id-differenzi sinifikanti fir-rati ta' assorbiment mill-Istati Membri, u l-fatt li xi Stati Membri għad għandhom aktar minn 40 % tal-ammonti impenjati tagħhom li jridu jiġu assorbiti; jisħaq għal darb'oħra li differenzi kbar fil-kapaċitajiet ta' assorbiment bejn l-Istati Membri jippreżentaw wieħed mill-aktar ostakli serji għal żvilupp aktar effettiv ta' reġjuni anqas żviluppati;
54. Jieħu nota tal-fatt li l-Fondi SIE li għadhom ma ġewx assorbiti għall-perjodu 2014–2020 jirappreżentaw parti sinifikanti mill-impenji pendenti tal-baġit tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-progress tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri u tanalizza d-differenzi, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq il-każijiet ta' sottoimplimentazzjoni u rati baxxi ta' assorbiment; jistenna li l-Kummissjoni tagħti valutazzjonijiet tal-pajjiżi lill-awtorità ta' kwittanza, filwaqt li tidentifika l-problemi rikorrenti, u tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tottimizza s-sitwazzjoni, inkluż permezz ta' assistenza teknika u skambju tal-aħjar prattiki;

55. Itenni t-tħassib tiegħu li, fi tmiem l-2021, l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' EUR 341,6 biljun (billi jiġu kkombinati l-impenji pendenti tal-baġit tal-Unjoni u tan-Next Generation EU); jenfasizza li l-impenji pendenti x'aktarx li jaqbu s-somma ta' EUR 460 biljun fl-2023 iżda li mbagħad normalment se jonqsu hekk kif in-Next Generation EU jasal fi tmiemu; jissottolinja li ċertu livell ta' impenji pendenti huwa konsegwenza loġika tas-sistema baġitarja tal-Unjoni b'approprjazzjonijiet ta' impenn u b'approprjazzjonijiet ta' pagament iżda jesprimi t-tħassib tiegħu li ammont sinifikanti ta' impenji pendenti jista' jikkostitwixxi riskju għall-operat normali u bla xkiel tal-baġit tal-Unjoni fil-futur;
56. Jieħu nota tal-fatt li l-impenji pendenti tal-baġit tal-Unjoni naqsu minn livell għoli storiku fi tmiem l-2020 u li l-Kummissjoni tbassar li ż-żieda mistennija fl-2027 se tiżdied b'ammont żgħir, prinċipalment minħabba d-distakk iżgħar bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u l-appropriazzjonijiet ta' pagament; jirrifletti li l-Qorti, f'diversi okkażjonijiet, ġibdet l-attenzjoni li dawn jistgħu jitnaqqsu biss jekk l-appropriazzjonijiet ta' pagament ibbaġitjati jaqbu l-appropriazzjonijiet ta' impenn u jintużaw; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi b'mod konsistenti din ir-rakkomandazzjoni, li hija konsistenti mar-reqwizit li jinżamm proporzjon ordnat bejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti;
57. Jenfasizza li ż-żmien disponibbli għall-implimentazzjoni tal-fondi b'ġestjoni kondiviża fl-ambitu tal-QFP 2021–2027 huwa iqsar minn dak fl-ambitu tal-QFP li ġew qabel; huwa konxju mill-isfidi fir-rigward tal-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-fondi biex jiġu żgurati l-konformità u l-ġestjoni finanzjarja tajba; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fil-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-programm Next Generation EU u t-tendenza tal-Istati Membri li jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni tan-Next Generation EU fuq il-fondi tradizzjonali b'ġestjoni kondiviża, kif diskuss fis-Smigħ Pubbliku fil-Kumitat CONT fit-23 ta' Jannar 2023;
58. Jemmen li l-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju tiġġenera burokrazija sinifikanti u mhux ġustifikabbli b'mod partikolari fir-rigward tal-SMEs, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-istrutturi parteċipattivi fil-livell lokali; huwa tal-fehma li l-Gwida għandha tiffoka fuq il-benefiċċji ekonomiċi u finanzjarji, aktar milli tipprova tinkludi s-sorveljanza tal-ħajja personali jew tar-relazzjonijiet tas-soċjetà, b'mod espliċitu fil-livell lokali jew reġjonali; jitlob lill-Kummissjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tal-proporzjonalità u l-privatezza u ma tpoġġix lill-atturi kollha taħt suspett ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara l-Gwida attwali tagħha f'dan ir-rigward biex tipprovdi ċarezza lill-applikanti u lill-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
59. Jinsab inkwetat dwar ir-riskji relatati identifikati mill-Qorti fir-rapport tagħha tal-2020 u mtenni għas-sena finanzjarja 2021, jiġifieri li l-livell ta' riżorsi amministrattivi meħtieġa għall-ġestjoni ta' strumenti baġitarji differenti b'mod parallel jista' ma jkunx disponibbli u li, l-introduzzjoni ta' flessibilità fis-sistema biex tlaħħaq mal-effetti tal-COVID, tista' twassal għal dgħufija tas-sistemi ta' kontroll stabbiliti;
60. Jinnota bi tħassib iż-żieda fl-iskopertura totali tal-baġit tal-Unjoni għall-obbligazzjonijiet kontinġenti minn EUR 131,9 biljun fl-2020 għal EUR 277,9 biljun fl-2021; jirrikonoxxi li ż-żewġ raġunijiet prinċipali għal din iż-żieda sostanzjali kienu l-introduzzjoni tan-Next Generation EU u ż-żieda fl-ammont ta' self ipprovdut fl-ambitu tal-istrument SURE; jifhem li r-riskju għall-baġit tal-Unjoni minn obbligazzjonijiet kontinġenti huwa mmitigat biż-żieda tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-kontrogaranzji tal-Istati Membri tas-self SURE;

Rakkomandazzjonijiet

61. Jappoġġja bil-qawwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;

62. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni:

- (a) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku minn sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar (Arachne, EDES eċċ) u fil-kuntest tar-reviżjonijiet li jmiss tar-Regolament Finanzjarju tistabbilixxi b'mod urġenti sistema obbligatorja integrata u interoperabbli li tibni fuq għodod u bażijiet ta' data eżistenti, iżda mhux limitata għalihom; tiżviluppa t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ħalli tiżgura li d-deskrizzjoni tal-istadji importanti u l-mira u l-eżitu tal-awditu jkunu trasparenti; tiżgura li l-Istati Membri kollha jużaw is-sistemi u r-reġistri ċentrali biex jirrapportaw dwar is-sidien benefiċjarji u l-benefiċjarji finali;
- (b) tissimplifika b'mod sostanzjali r-regoli u l-proċeduri, tiżviluppa sessjonijiet ta' taħriġ obbligatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u ttejjeb l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs u l-NGOs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-kontrolli;
- (c) tkompli żżid il-kapaċità amministrattiva tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri u tipproponi linji baġitarji adegwati għall-Qorti, l-UPPE u l-OLAF biex tiżgura l-effiċjenza tagħhom fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kompiti l-ġodda li jmiss relatati mal-istrument Next Generation EU sabiex jiġu protetti l-finanzi tal-Unjoni;
- (d) tiġbor fil-qosor u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza u lill-Qorti r-raġunijiet għad-differenzi fid-diversi oqsma ta' nefqa u fl-irkupri, kif ukoll ir-riżultati li jkkonċernaw il-livell stmat ta' żball kif ikkalkolat mill-Qorti u r-riskju fil-waqt tal-pagament kif ikkalkolat mill-Kummissjoni fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni u timpenja ruħha fl-iskambju ta' fehmiet mal-Qorti kemm fuq livell maniġerjali kif ukoll dak tekniku bil-għan li tintroduċi metodoloġija unika dwar ir-rata ta' żball tan-nefqa tal-Unjoni;
- (e) taħdem mal-Qorti biex tallinja l-metodoloġiji rispettivi ta' kategorizzazzjoni tar-riskju u l-metodoloġiji ta' ħidma tal-awditjar;
- (f) tqabbel ir-rati ta' implimentazzjoni tal-istrument REACT-EU mill-Istati Membri li ġew stabbiliti biex jirċievu appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-Istati Membri fejn il-Pjan Nazzjonali għall-Irkupru ġie approvat biss taħt kundizzjonijiet fi stadju aktar tard (l-Ungerija u l-Polonja), u tidentifika l-kawżi għad-differenzi identifikati, b'mod partikolari mmirati lejn id-disponibbiltà tal-kapaċità amministrattiva;
- (g) tkompli tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu kemm il-kwalità kif ukoll l-għadd ta' verifiki u biex jikkondividu l-aħjar Prattiki fil-għieda kontra l-frodi;
- (h) tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-proċedura, inkluża d-dokumentazzjoni meħtieġa għall-aċċess għall-finanzjamenti, mingħajr ksur tal-prinċipji ta' awditjar u monitoraġġ;
- (i) tippubblika r-rapporti tal-awditjar tagħha, inkluż għal każijiet ta' kunflitt ta' interess, fi żmien raġonevoli, peress li dan jgħin biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet korrettivi u ta' segwitu rakkomandati jiġu implimentati minn daww awditjati;
- (j) tissorvelja b'mod strett ir-riskju possibbli ta' korruzzjoni u frodi;
- (k) tiffaċilita l-kooperazzjoni interistituzzjonali billi taħdem biex tħaffef il-proċess ta' kwittanza għal n+1, mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-proċess;
- (l) iżżid l-isforzi biex tittejjeb it-trasparenza fl-użu tal-fondi, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarji finali u biex jiġi ristrett l-iżborż ta' fondi lil kumpaniji bbażati f'rifugi fiskali;
- (m) tagħti aktar attenzjoni lill-Istati Membri, u toffrilhom appoġġ tekniku msaħħaħ f'każijiet fejn is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tagħhom huma biss parzjalment affidabbli, jew mhumiex affidabbli u fejn hemm riskju akbar ta' frodi u korruzzjoni relatati mal-fondi tal-Unjoni;
- (n) tevalwa mill-ġdid l-identifikazzjoni tagħha ta' entitajiet bħala NGOs u tipprevedi definizzjoni ċara, kif ukoll tkompli ttejjeb ir-Reġistru tal-Lobbisti tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura li l-NGOs li javviċinaw lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu rreġistrati bħala lobbisti; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu effettiv biex tiżgura li l-attivitajiet tal-NGOs ikunu allinjati mal-valuri tal-Unjoni u titlob trasparenza sħiħa dwar il-finanzjament tagħhom, filwaqt li tipprovi li għarfien aktar profund dwar il-finanzjament tal-entitajiet kollha rreġistrati għandha tkun il-kundizzjoni biex jiġu avviċinati l-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;

- (o) jimpenja ruħu li jiggarantixxi riżorsi adegwati għas-segretarjat tar-Reġistru ta' Trasparenza sabiex jiżgura li l-informazzjoni marbuta mal-attivitajiet ta' lobbying tal-gruppi ta' interess, tal-lobbies u tal-NGOs tkun tista' tiġi vverifikata għall-preċiżjoni tagħha u li l-lobbying isir aktar trasparenti;
- (p) tabbozza kuntratt standard dwar il-kundizzjonijiet li l-NGOs għandhom jilhqqu biex jirċievu fondi tal-Unjoni; tisħaq li dan il-kuntratt irid ikun vinkolanti b'mod ugwali għall-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-Unjoni;

Prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni

- 63. Jilqa' r-rapport tal-Qorti dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni — L-istatus fi tmiem l-2021, li jiffoka fuq l-integrazzjoni ta' ħames prijoritajiet ta' politika orizzontali fil-baġit tal-Unjoni, jiġifieri l-għieda kontra t-tibdil fil-klima, il-preżervazzjoni tal-bijodiversità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti, u t-tranżizzjoni diġitali;
- 64. Jesprimi dispaċir għall-fatt li l-Qorti tqis li t-tnejja ta' dan ir-rapport ta' prestazzjoni għandha impatt negattiv fuq il-prijoritajiet tal-awditjar emerġenti tagħha u tal-Unjoni; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Qorti li tirritorna għar-rapportar dwar il-prestazzjoni skont il-linji li kienu jintużaw qabel fil-kapitolu 3 tar-Rapport Annwali; jirrimarka li minħabba l-iskadenzi legali stabbiliti, il-Qorti tista' ssibha diffiċli li tinkludi l-valutazzjoni tagħha tar-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni fir-Rapport Annwali tagħha; jitlob lill-Qorti tqis ir-Rapporti Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni fir-rapportar annwali tagħha jew permezz ta' dokument separat jekk ikun meħtieġ sabiex jitqies l-eżerċizzju annwali ta' kwittanza; ifakkar fil-fatt li l-persunal tal-Qorti diġà żdied fl-2023 sabiex iqis iż-żieda fl-ammont ta' xogħol minħabba n-Next Generation EU;
- 65. Jilqa' l-fatt li l-Qorti sabet li hemm qafas stabbilit fil-QFP tal-2021–2027 biex jiġu indirizzati l-aktar prijoritajiet orizzontali, li programmi magħżula ta' nfiq tal-Unjoni jinkorporaw il-prijoritajiet ta' politika orizzontali li għażlet il-Qorti, u li l-Kummissjoni żviluppametodi biex iżżomm rendikont tal-infiq għal xi prijoritajiet orizzontali;
- 66. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li r-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni jipprovi konklużjonijiet pożittivi żżejjed dwar il-progress li sar lejn il-miri ta' integrazzjoni, li hemm fut informazzjoni disponibbli dwar jekk l-infiq jikkontribwixxix b'mod sinifikattiv għal diversi prijoritajiet fl-istess ħin, li l-qafas ta' prestazzjoni tal-Kummissjoni huwa ffukat l-aktar fuq l-outputs u għadu ma jkejjilx l-eżiti, u li r-rieżami tal-Kummissjoni tal-informazzjoni rrapportata jiffaċċja sfidi;
- 67. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, il-prijoritajiet tal-klima u tal-bijodiversità huma integrati fil-qafas ta' prestazzjoni; iżda jinnota bi tħassib kbir is-sejbiet addizzjonali tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 09/2022 tagħha "L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014–2020"; huwa inkwetat li l-infiq irrapportat mhux dejjem huwa rilevanti għall-azzjoni klimatika u li l-kontribuzzjoni baġitarja tal-Unjoni għall-klima u l-bijodiversità hija esaġerata; jinnota b'aktar tħassib is-sejbiet tal-Qorti li r-rapportar ġenerali dwar l-infiq fuq il-klima ma kienx affidabbli, peress li kien jinvolvi approssimazzjoni sinifikanti u kien iżomm rendikont biss tal-impatt pożittiv potenzjali fuq il-klima mingħajr ma evalwa l-kontribut finali għall-għanijiet klimatiki tal-Unjoni; jinnota bi tħassib li r-riskju li l-ammonti pplanati jew impenjati ma jintnefqux, jista' jkompli jżid l-infiq fuq il-klima rrapportat; huwa inkwetat li l-Qorti sabet li huwa mistenni biss titjib limitat fir-rapportar klimatiku tal-2021–2027; jesprimi dispaċir għall-fatt li l-Kummissjoni għadha ma indirizzatx in-nuqqasijiet fiċ-ċifri rrapportati tal-metodoloġija l-ġdida tagħha; jesprimi dispaċir profond għar-reazzjoni tal-Kummissjoni li tindika nuqqas ta' responsabbiltà u l-mankanza li jiġu rikonossuti b'mod sħiħ in-nuqqasijiet fil-metodoloġija tagħha; ma jstax jaċċetta d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar "naqbel li ma naqbilx" mal-Membri tal-awtorità ta' kwittanza minħabba l-fatt li, skont il-Qorti, l-ammont irrapportat li ntnefa fuq l-azzjoni klimatika kien ġie stmat iżżejjed b'tal-anqas EUR 72 biljun għall-perjodu 2014–2020;
- 68. Huwa inkwetat dwar in-nuqqas potenzjali ta' analiżi komprensiva tal-infiq preċedenti, inkluż il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta; huwa tal-fehma li huma meħtieġa valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi biex tiġi żgurata l-prestazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; iqis ir-rwol tal-Bord tal-Iskrutinju Regolarju bħala fundamentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod u proċeduri li jippermettu l-użu effiċjenti tal-għarfien espert disponibbli għaliha; jistieden lill-Kummissjoni tiġġustifika b'mod espliċitu l-każijiet fejn ma taqbilx mar-rakkomandazzjonijiet;

69. Jinnota li sar progress fl-inkorporazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-qafas ta' prestazzjoni; jinnota bi tħassib kbir li, minbarra bosta diskussjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-Parlament, il-Qorti identifikat dgħufijiet fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ewwel stima mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni ġenerali tal-baġit tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri kienet affettwata minn dgħufijiet; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni qed tkompli timplimenta l-programmi tal-Unjoni mingħajr miri ta' nfiq u bi ftit indikaturi biss fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi bilanċ bejn il-ġeneri kif ukoll approċċ ta' bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-fondi allokati; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa b'mod urġenti metodoloġija għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri sabiex tintegra perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika;
70. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li hemm informazzjoni limitata disponibbli dwar il-progress tal-programmi tal-Unjoni fir-rigward tal-SDGs; jinnota bi tħassib li l-ħidma preċedenti mill-Qorti turi li l-Kummissjoni ma tirrapportax dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit għall-SDGs; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni bdiet tirrapporta dwar ir-rabtiet bejn il-programmi ta' nfiq tal-Unjoni u l-SDGs;
71. Jilqa' l-fatt li t-tranżizzjoni diġitali hija prijorità ġdida; jifhem li l-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar il-kontribut għat-tranżizzjoni diġitali għal programmi speċifiċi u jistenna l-aktar valutazzjoni reċenti mill-Qorti dwar l-affidabbiltà tar-rapportar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-prijorità;

Rakkomandazzjonijiet

72. Jappoġġja bil-qawwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
73. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) ittejjeb ir-rapportar tal-prestazzjoni fl-oqsma indikati hawn fuq, inkluż il-klima, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-bilanċ ġeografiku;
 - (b) issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex l-infiq tal-Unjoni jintrabat aħjar mal-oġġettivi tagħha dwar il-klima, il-bijodiversità, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-enerġija;
 - (c) tipprovdi evalwazzjoni ċara u komprensiva tal-prestazzjoni tal-programmi fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni;
74. Jenfasizza l-fatt li l-awtorità ta' kwittanza tagħti importanza kbira lill-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti u se tivvaluta s-sitwazzjoni bir-reqqa fir-rapport ta' kwittanza li jmiss;

Dħul

75. Jinnota li d-dħul tal-baġit tal-Unjoni jinkludi riżorsi proprji, dħul assenjat estern li jiffinanzja l-aktar in-nefqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u dħul ieħor; jinnota li r-riżorsa proprja nazzjonali grossa bbażata fuq l-introjtju tirrappreżenta EUR 115,8-il biljun (48,2 %), l-operazzjonijiet ta' self u ta' teħid b'self ta' garanziji baġitarji fil-kuntest tan-Next Generation EU jammontaw għal EUR 55,5 biljun (23,2 %), il-kontribuzzjonijiet u r-rifużjonijiet marbuta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni jammontaw għal EUR 19,8-il biljun (8,3 %), ir-riżorsi proprji tradizzjonali jammontaw għal EUR 19,0-il biljun (7,9 %), ir-riżorsa proprja bbażata fuq il-valur miżjud tat-taxxa tammonta għal EUR 17,9-il biljun (7,5 %), ir-riżorsa proprja tal-iskart mill-imballaġġ tal-plastik tammonta għal EUR 5,9 biljun (2,5 %), u dħul ieħor jammonta għal EUR 5,7 biljun (2,4 %);
76. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru tal-Kummissjoni, imfassla biex ikunu rappreżentattivi tas-sorsi kollha ta' dħul, tas-sistemi tal-Kummissjoni għall-iżgurar u l-ġestjoni tar-riżorsi proprji differenti, tas-sistemi għall-kontabbiltà u l-ġestjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali fi tliet Stati Membri, u l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar ir-regolarità li tinsab fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ BUDG u tal-Eurostat;

77. Jinnota li l-Qorti tikkonkludi li l-livell ta' żball fid-dħul ma kienx materjali; jinnota li s-sistemi relatati mad-dħul eżaminati kienu ġeneralment effettivi iżda li l-kontrolli interni ewlenin tar-riżorsi proprji tradizzjonali f'ċerti Stati Membri u l-ġestjoni tar-riżervi tal-VAT u l-punti miftuħa tar-riżorsi proprji tradizzjonali fil-Kummissjoni nstabu li kienu parzjalment effettivi biss minħabba dgħufijiet persistenti;
78. Jinnota bi tħassib li d-dazji doganali jew hemm riskju li ma jiġux iddikjarati jew li jiġu ddikjarati b'mod skorrett mill-importaturi lill-awtoritajiet doganali nazzjonali; jenfasizza li dawn l-ammonti evażi, magħrufa bħala d-"distakk doganali", ma jaqgħux fis-sistemi tal-kontabbiltà tar-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Istati Membri u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tal-Qorti dwar id-dħul; jinnota bi tħassib li d-distakk doganali jista' jaffettwa l-ammonti ta' dazji stabbiliti mill-Istati Membri; huwa inkwetat li, skont il-Qorti, għat-tielet sena konsekuttiva, l-azzjonijiet tal-Unjoni meħuda biex jitnaqqas id-distakk u jiġi mmitigat ir-riskju tar-riżorsi proprji tradizzjonali mhumiex kompluti; huwa inkwetat li dgħufijiet serji fil-kontabbiltà u l-ġestjoni tal-Istati Membri tar-riżorsi proprji tradizzjonali ilhom jippersistu għal diversi snin; jinnota bi tħassib il-progress insuffiċjenti dwar għadd ta' azzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-Kummissjoni;
79. Jilqa' l-fatt li l-għadd ta' punti tar-riżorsi proprji tradizzjonali miftuħa li ilhom pendenti naqas b'mod sinifikanti bejn l-2019 u l-2021, u li l-Kummissjoni aġġornat il-proċedura tagħha għall-ipproċessar tar-riżultati tal-ispezzjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali, filwaqt li jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi sistema għall-klassifikazzjoni tan-nuqqasijiet tal-Istati Membri skont il-prijorità u tistabbilixxi skadenzi għall-azzjonijiet ta' segwitu tagħhom skont fuq it-tweġibiet tal-Istati Membri;
80. Jinnota li għas-sitt sena konsekuttiva, id-DĠ BUDG żamm ir-riżerva li l-ammonti tar-riżorsi proprji tradizzjonali li ġew ittrasferiti għall-baġit tal-Unjoni mhumiex preċiżi minħabba s-sottovalutazzjoni ta' tessuti u żraben importati miċ-Ċina matul il-perjodu mill-2011 sal-2017; jinnota li fit-8 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ppubblikat id-deċiżjoni finali tagħha dwar il-każ ta' ksur tal-Kummissjoni kontra r-Renju Unit u kkonkludiet li r-Renju Unit naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni fir-rigward tar-riżorsi proprji;

Rakkomandazzjonijiet

81. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
82. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) ittejjeb il-valutazzjoni tar-riskji finanzjarji għar-riżorsi proprji tradizzjonali billi timplimenta l-miżuri rilevanti tal-Pjan ta' Azzjoni Doganali tagħha f'waqthom;
 - (b) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku minn sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar u tistabbilixxi b'mod urġenti sistema integrata u interoperabbli li tibni fuq għodod u bażijiet ta' data eżistenti iżda mhux limitata għalihom;

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

83. Jinnota li l-intestatura 1 "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" tal-QFP tirrappreżenta 10,2 % jew EUR 18,5-il biljun tal-baġit tal-Unjoni: minn dan l-ammont, EUR 10,8 biljun (58,7 %) jintefqu fuq ir-riċerka, EUR 2,6 biljun (13,9 %) fuq l-isparju, EUR 2,2 biljun (11,8 %) fuq it-Trasport, l-Enerġija u s-settur Diġitali, EUR 1,5 biljun fuq InvestEU, u EUR 1,4 biljun (7,4 %) fuq oqsma oħra;
84. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun rappreżentattiv tal-istatistika ta' 130 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq taħt fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP, l-informazzjoni dwar ir-regolarità fir-rapporti annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN), tad-DĠ RTD u tal-REA, li huwa inkluż fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Kummissjoni, u fis-sistemi tal-IT magħżula tal-Kummissjoni;

85. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet li l-livell stmat ta' żball fl-infiq fl-intestatura "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" kien materjali, u laħaq 4,4 %, meta mqabbel ma' 3,9 % fis-sena preċedenti; huwa inkwetat li r-riskju stmat fil-waqt tal-pagament ikkalkolat mill-Kummissjoni huwa ta' 1,3 %, li huwa kemm taħt il-livell limitu ta' materjalità kif ukoll taħt il-firxa tal-livell stmat ta' żball tal-Qorti; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li, minkejja l-miżuri li diġà ttieħdu mill-Kummissjoni, ir-rata ta' żball tagħha għadha sottovalutata;
86. Jinnota li l-Orizzont 2020 għadu jirrappreżenta l-maġġoranza tal-proġetti fil-kampjun tal-Qorti, jinnota li l-ebda proġett ta' Orizzont Ewropa għadu ma ntgħażel għall-awditjar, jirrimarka li l-infiq tal-Orizzont 2020 u tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007–2013) għadu ta' riskju għoli u huwa sors ewlieni tal-iżbalji identifikati;
87. Jinnota bi tħassib li r-regoli għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-persunal fl-ambitu tal-Orizzont 2020 għadhom kumplessi, minkejja li saru sforzi għas-simplifikazzjoni, u l-kalkolu tagħhom għadu sors prinċipali ta' żball fit-talbiet dwar l-ispejjeż; jesprimi dispijaċir għall-fatt li waħda mill-kawżi ewlenin ta' żball hija l-applikazzjoni skorretta tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż għall-persunal; jilqa' d-dispożizzjoni fl-ambitu tas-suċċessur tiegħu, Orizzont Ewropa, ta' użu akbar ta' somom f'daqqa u spejjeż unitarji għall-ispejjeż tal-persunal; jenfasizza, għaldaqstant, li l-Kummissjoni għandha trawwem u tiffaċilita aktar s-simplifikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal u tippromwovi użu aktar mifrux ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati, bħala prekondizzjonijiet biex ir-rati ta' żball jiġu stabbilizzati taħt il-livell limitu ta' materjalità; jiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjoni tal-Qorti li entitajiet privati, b'mod partikolari SMEs u parteċipanti ġodda, huma suxxettibbli għal żball;
88. Jinnota li, fl-2021, appoġġ speċifiku fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku pproduċa riżultati fir-rigward tal-iskambji ta' Prattika tajba u stejjer ta' suċċess fl-appoġġ tal-inizjattivi tal-ekonomija soċjali fil-livell lokali u reġjonali u l-bażi tan-Network Ewropew tar-reġjuni għall-Ekonomija Soċjali; jinnota li, fl-2021, il-Kummissjoni mexxiet kampanja biex tippromwovi s-sit web "Access għall-Finanzi" (A2F), sensiela ta' webinaris dwar "Strumenti ta' appoġġ tal-UE għall-SMEs" u kampanja ddedikata għall-pjattaformi ta' komunikazzjoni soċjali (Outreach to Businesses and Citizens) b'enfasi fuq l-appoġġ għan-negozju transfruntier u l-opportunitajiet għall-SMEs;
89. Jieħu nota li l-Qorti fir-Rapport Speċjali 15/2022 tagħha sabet li "Il-miżuri biex titwessa' l-parteciċipazzjoni f'Orizzont 2020 tfasslu tajjeb, iżda bidla sostenibbli se tiddependi l-aktar fuq l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali" fil-waqt li t-tfassil tal-miżuri ta' twessigħ kien fil-biċċa l-kbira xieraq iżda dawn jistgħu jagħtu bidu biss għall-progress fil-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni; jilqa' l-fatt li l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' twessigħ iffaċċjat sfidi iżda qiegħda turi l-ewwel riżultati; jinnota bi tħassib li l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda arranġament suffiċjenti għall-monitoraġġ tal-impatt tal-miżuri ta' twessigħ; jenfasizza l-konklużjoni tal-Qorti li biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom il-biċċa l-kbira mill-proġetti tat-twessigħ tal-parteciċipazzjoni jmorru għand ftit pajjiżi biss, il-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib il-livelli ta' parteciċipazzjoni fil-miżuri ta' twessigħ fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa u, jekk jirriżultaw żbilanċi sinifikanti kontinwi, tintroduċi miżuri biex tinkiseb xejra usa' tal-parteciċipazzjoni;
90. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 07/2022 tagħha "Strumenti ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs", sabet li l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-istrateġija ta' internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs ma kinitx kompluta; jilqa' l-fatt li n-Network Enterprise Europe qiegħed jilħaq il-miri ewlenin tiegħu iżda jesprimi dispijaċir għall-fatt li hemm viżibbiltà u kopertura subottimali f'pajjiżi terzi; jinnota li Startup Europe indirizzat ħtiġijiet importanti, iżda li l-Qorti sabet li s-sostenibbiltà, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni huma varjabbli;

Rakkomandazzjonijiet

91. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
92. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) tissimplifika r-regoli u l-proċeduri, tiżviluppa sessjonijiet ta' taħriġ obligatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u ttejjeb l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-kontrolli;

- (b) toħroġ gwida lill-benefiċjarji dwar id-differenzi speċifiċi, li tiffoka fuq l-aspetti tal-eliġibbiltà fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, bi tqabbil ma' Orizzont 2020 u programmi simili;
- (c) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku tas-sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar; u tistabbilixxi b'mod urġenti sistema integrata u interoperabbli li tibni fuq għodod u bażijiet ta' data eżistenti, iżda mhux limitata għalihom;
- (d) fil-kuntest ta' miżuri ta' twessigħ, timmira lejn parteċipazzjoni aktar bilanċjata tal-pajjiżi ta' twessigħ;
- (e) tipprovdi appoġġ, tippromwovi kuntatti bejn il-benefiċjarji tal-proġetti u s-sħab industrijali potenzjali, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi eżistenti tal-Unjoni li għandhom l-għan li joħlqu rabtiet bejn ir-riċerka u n-negozju, u li tkompli tappoġġja l-viżibbiltà tal-proġetti billi thegġegħ lill-benefiċjarji jipprovdu aġġornamenti regolari tar-riżultati tal-proġetti u jaġhmluhom disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaformi tal-Unjoni stabbiliti għal dak il-għan;
- (f) iżżid is-sensibilizzazzjoni, il-koerenza u s-sostenibbiltà tal-appoġġ li jingħata għall-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs; itenni l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati r-regoli u l-proċeduri, jiġu żviluppati sessjonijiet ta' taħriġ obbligatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u jittejjbu l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet interessati rilevanti l-oħra kollha;

Koeżjoni, reżiljenza u valuri

- 93. Jinnota li l-intestatura 2 "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" tal-QFP tirrappreżenta 44,1 % jew EUR 80,1 biljun tal-baġit tal-Unjoni: minn dan l-ammont, EUR 45,5 biljun (56,9 %) jintefqu fuq il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u fuq operazzjonijiet reġjonali oħra, EUR 19,4-il biljun (24,2 %) fuq il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), EUR 9,7 biljun (12,1 %) fuq il-Fond ta' Koeżjoni (FK), EUR 2,4 biljun (3,0 %) fuq l-Erasmus+, EUR 1,0 biljun (1,2 %) fuq it-Trasport tal-FNE, EUR 0,6 biljun (0,7 %) fuq il-Fondi SIE u EUR 1,5 biljun (1,9 %) fuq oqsma oħra;
- 94. Jilqa' ż-żieda fl-użu fl-2021, meta EUR 56 biljun f'finanzjament mill-FEŻR/FK ġew żborżati mill-baġit tal-Unjoni, meta mqabbla ma' medja ta' EUR 40,6 biljun fis-snin preċedenti, li rriżulta frata ta' nfiq ta' madwar 75 % fl-aħħar ta' Novembru 2022 (meta mqabbla ma' 67 % fi tmiem l-2021); jinnota b'sodisfazzjon li, sal-aħħar ta' Ġunju 2022, kważi miljun proġett (988 000) kienu ntgħażlu fuq il-post;
- 95. Jirrimarka li l-finanzjament mill-FEŻR, il-FK u l-FSUE kellu rwol ċentrali fit-trażżin tal-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, l-inkoraġġiment tal-konverġenza u l-iżgurar li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jinnota l-flessibbiltà eċċezzjonali offruta fl-ambitu tas-CRII+ u l-iżborż li rriżulta ta' madwar EUR 23 biljun mill-appropriazzjonijiet baġitarji mhux allokati għall-2014–2020; jinnota li ġie allokati ukoll finanzjament addizzjonali ta' REACT-EU ta' EUR 50,6 biljun għal miżuri ta' tiswija u rkupru mill-kriżi sal-2023 biex jitnaqqas id-distakk bejn ir-rispons inizjali għall-kriżijiet u l-irkupru fit-tul;
- 96. Jinnota b'sodisfazzjon li REACT-EU kien l-ewwel strument Next Generation EU biex jidderieġi appoġġ effettiv lejn l-ekonomija, in-negozji u l-ħaddiema Ewropej fuq il-post u li pprovda, fost l-oħrajn, aktar minn EUR 4,6 biljun fil-forma ta' għotjiet permezz ta' kapital operatorju għal aktar minn 754 000 SME, EUR 4,4 biljun allokati speċifikament għal miżuri tal-kura tas-saħħa biex tiġi miġġielda l-pandemija tal-COVID-19 u EUR 2 biljun minn dan l-ammont għax-xiri ta' tagħmir mediku għall-isptarijiet; jinnota li dan il-finanzjament essenzjali pprovda 13 200 ventilatur u 12 500 sodda tal-isptarijiet għal unitajiet ta' kura intensiva u li EUR 372 miljun f'finanzjament tal-politika ta' koeżjoni marru għall-ispejjeż kollha tat-tilqim, inklużi 133 miljun vaċċin kontra l-COVID-19 u l-infrastruttura tar-refriġerazzjoni meħtieġa;
- 97. Jinnota b'sodisfazzjoni li, fl-2021, l-Istrumenti Finanzjarji tal-EaSI (li jinkludu l-Garanzija tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali tal-EaSI, it-Tieqa tal-EaSI għall-Investimenti ta' Bini ta' Kapaċità u l-Istrument Iffinanzjat mill-EaSI) komplew jappoġġjaw mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali u li mindu tnediet sat-30 ta' Settembru 2021, ġew iffirmati ftehimiet ta' garanzija b'valur ta' EUR 401 miljun u rriżultaw f'total ta' 154 137 self lil mikrointrapriżi u intrapriżi soċjali b'valur totali ta' EUR 2,5 biljun; jiddispaċih, madankollu, bil-fatt li l-EaSI fl-2021 beda tard minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u kwistjonijiet oħrajn;

98. Jinnota li, bħala medja, aktar minn persuna waħda minn kull ħamsa u wieħed minn kull erbat itfal għadhom f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Unjoni; ifakkar fl-impenn tal-Unjoni biex tagħti appoġġ lill-persuni l-aktar fil-bżonn permezz tal-FEAD u tal-FSE+, billi ttaffi l-agħar forom ta' faqar fl-Unjoni, bħall-privazzjoni tal-ikel, il-problema ta' persuni mingħajr dar u l-faqar fost it-tfal; jinnota li madwar 13-il miljun persuna, inklużi madwar 4 miljun tifel u tifla taħt l-età ta' 15-il sena, jiġu appoġġjati mill-FEAD kull sena;
99. Jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kummissjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri biex titħaffef l-implimentazzjoni fuq il-post, speċjalment fil-każ ta' programmi meġjusa li jinsabu f'diffikultà, u biex tghinjom jindirizzaw problemi ewlenin f'dan ir-rigward; jinnota li l-Kummissjoni pprovdiet gwida bikrija lill-Istati Membri biex jiżguraw li kellhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni u, f'Ottubru 2021, adottat il-linji gwida rilevanti, li ġew trażmessi lill-Istati Membri fil-forma ta' webinar u korsijiet ta' taħriġ;
100. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 243 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-rapporti annwali tal-attività tad-DG EMPL u tad-DG REGIO u mbagħad ġiet inkluża fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll fil-ħidma mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar;
101. Jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet li l-livell ta' żball fl-infiq fl-intestatura "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" kien materjali u għall-intestatura 2 tal-QFP, il-livell globali stmat ta' żball kien 3,6 %, meta mqabbel ma' 3,5 % fis-sena preċedenti; jinnota li l-infiq fl-ambitu tas-subintestatura 2a kellu livell stmat ta' żball ta' 4,1 %; jirrimarka li l-Kummissjoni rrapportat riskju kkombinat fil-waqt tal-pagament għall-intestatura 2 kollha kemm hi ta' bejn 1,7 % u 2,3 %, fil-waqt li għas-subintestatura 2a, il-Kummissjoni stmat ir-riskju fil-waqt tal-pagament huwa ta' bejn 1,8 % u 2,5 %; jiġbed l-attenzjoni għad-differenza fiċ-ċifri bejn il-Kummissjoni u l-Qorti;
102. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tejbet il-metodoloġija tagħha għall-istima tar-riskju massimu, iżda jinnota bi tħassib li għad hemm riskji inerenti fil-mudell ta' aċċertament tagħha; huwa inkwetat li l-Kummissjoni tipprovdni stima minima għal-livell ta' żball li mhijiex finali; jinnota bi tħassib li l-Qorti tqis li r-rieżamijiet dokumentarji tal-Kummissjoni jistgħu jonqsu milli jidentifikaw u jikkoreġu n-nefqa irregolari u huma ta' valur limitat fil-konferma tal-validità tar-rati ta' żball totali residwi rrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar; huwa inkwetat li l-klassifikazzjoni tar-riskju tal-awtoritajiet tal-awditjar mhux dejjem tinfluwenza jekk jintgħażlux għal awditi tal-konformità;
103. Jenfasizza li l-aktar żbalji komuni misjuba mill-Qorti kienu spejjeż ineliġibbli, proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern, b'mod partikolari nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u ksur tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat;
104. Jinnota bi tħassib li r-riżultati tal-awditjar tal-Qorti matul l-aħħar ħames snin juru li l-kontrolli attwalment stabbiliti għadhom ma jikkompensawx biżżejjed ir-riskju inerenti għoli ta' żball f'dan il-qasam, u li dan huwa partikolarment minnu għall-awtoritajiet maniġerjali, li l-verifiki tagħhom għadhom parzjalment ineffettivi għall-prevenzjoni jew għall-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji; jesprimi dispaċir għall-fatt li l-kontribuzzjoni ewlenija għal-livell stmat ta' żball ikkalkolat mill-Qorti f'dan il-qasam ġeja minn teħid dgħajef ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet ta' ġestjoni, inkluża l-approvazzjoni ta' proġetti ineliġibbli jew ghajjnuna illegali mill-Istat;
105. Jinnota bi tħassib li għad hemm nuqqasijiet fil-mod kif l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu u jiddokumentaw il-ħidma tagħhom; huwa inkwetat minħabba l-fatt li l-Qorti sabet żbalji kwantifikabbli li ma kinux ġew identifikati qabel mill-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar f'bosta każijiet meta wettqu mill-ġdid l-awditi tagħhom;

106. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 08/2022 tagħha “Appoġġ taħt il-FEŻR għall-kompetittività tal-SMEs” sabet li l-użu mill-Istati Membri tal-FEŻR biex itejbu l-kompetittività tal-SMEs ma kienx immirat biżżejjed; huwa inkwetat li l-appoġġ tal-FEŻR ma tejjibx b'mod sinifikanti l-kompetittività tal-SMEs appoġġjati, jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li l-appoġġ ta' proġetti awtonomi jillimita l-impatt potenzjali tal-FEŻR; jinnota bi tħassib li l-proċeduri tal-għażla tal-FEŻR mhumiex kompetittivi biżżejjed u l-biċċa l-kbira tal-appoġġ huwa pprovdut permezz ta' għotjiet aktar milli permezz ta' għajjuna li tiffallas lura;
107. Jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf kull finanzjament għall-Iżlamiżmu u lil organizzazzjonijiet b'rabtiet mal-Iżlamiżmu kif ukoll għal kampanji li jigglorifikaw jew jilleġittimizzaw il-Hijab;

Rakkomandazzjonijiet

108. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
109. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Qorti sabiex tarmonizza ulterjorment l-istandards dwar id-data u tallinja l-interpretazzjoni tat-testi legali;
 - (b) tagħmel l-użu ta' għodod tal-IT bħal EDES u Arachne obligatorju u sistematiku għall-fondi kollha tal-Unjoni inklużi b'għestjoni kondiwiża, u tiżgura użu aħjar ta' teknoloġija ġdida sabiex iżżid il-kontrolli u tiproteġi l-baġit tal-Unjoni mill-frodi u mill-użu ħażin tal-fondi;
 - (c) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku minn sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar u tistabbilixxi b'mod urġenti sistema integrata u interoperabbli li tibni fuq għodod u bażijiet ta' data eżistenti, iżda mhux limitata għalihom;
 - (d) tirrapporta dwar l-awditi bikrija tas-sistema preventiva mwettqa fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, sabiex tikkonferma l-effettività tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri, inkluża s-sistema stabbilita għall-prevenzjoni tal-irregolaritajiet;
 - (e) taħdem flimkien mal-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri, biex tiżgura li r-riskju speċifiku ta' finanzjament doppju, speċjalment bil-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jkun kopert sew mill-awditi nazzjonali; jenfasizza li l-Kummissjoni twettaq awditi tematiċi jew ta' konformità, imfassla biex jimmiraw żoni u/jew Stati Membri b'riskju għoli;
 - (f) tissimplifika r-regoli u l-proċeduri, tiżviluppa sessjonijiet ta' taħriġ obligatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u ttejjeb l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-kontrolli;

Riżorsi naturali u ambjent

110. Jinnota li l-intestatura 3 “Riżorsi Naturali u Ambjent” tal-QFP tirrappreżenta 31,3 % jew EUR 56,8 biljun tal-baġit tal-Unjoni: minn dan l-ammont, EUR 38,3 biljun (67,3 %) jintefqu fuq pagamenti diretti fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), EUR 14,6-il biljun (25,7 %) fuq il-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), EUR 2,5 biljun (4,5 %) fuq nefqa relatata mas-suq fl-ambitu tal-FAEG, EUR 0,9 biljun (1,6 %) fuq l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, EUR 0,4 biljun (0,7 %) fuq l-Ambjent u l-Klima (LIFE), u EUR 0,1 biljun (0,2 %) fuq oqsma oħra;
111. Jinnota li l-2021 kienet l-ewwel sena tal-perjodu tranżitorju tal-PAK ta' sentejn li fih il-pakketti tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) li jiffurmaw parti mill-QFP 2021–2027 intużaw għall-implimentazzjoni tal-PAK skont ir-regoli tranżizzjonali, filwaqt li l-programmi ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2014–2020 ġew estiżi; jinnota wkoll li l-finanzjament tal-FAEG ta' EUR 40,7 biljun, ibbaġitjat għall-2021 fl-ambitu tal-QFP 2021–2027, ġie impenjat u mħallas matul is-sena; jinnota li, mill-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-2021 għall-FAEŻR u n-Next Generation EU (EUR 17,7-il biljun), tħallas ammont ta' EUR 624 miljun fl-2021, filwaqt li EUR 14-il biljun mill-pagamenti tal-2021 kienu relatati ma' impenji li saru qabel l-2021;

112. Jesprimi dispaċir rigward l-użu insuffiċjenti tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd; jisħaq li minn pakkett tal-FEMS ta' EUR 5,69 biljun disponibbli f'ġestjoni kondiviża għall-perjodu 2014–2020 ġew impenjati biss EUR 4,1 biljun sa tmiem l-2021, jinnota li n-nuqqas ta' użu tal-FEMS mill-benefiċjarji potenzjali tiegħu probabbilment huwa dovut għad-diffikultà biex jitressqu applikazzjonijiet għal fondi u l-ipproċessar tagħhom, jitlob lill-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet;
113. Jinnota li s-sistemi ta' ġestjoni u kontrolli ġew adottati mill-Istati Membri biex jidentifikaw każijiet ta' finanzjament doppju u li hemm fis-seħħ proċeduri biex jirrimedjaw sitwazzjonijiet bħal dawn jekk jinjalghu; jinnota wkoll li, fejn jiġu identifikati dgħufijiet fil-kontrolli u l-proċeduri, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda titjib lill-Istati Membri u, fejn xieraq, tagħmel aġġustamenti finanzjarji biex tiproteġi l-baġit tal-Unjoni;
114. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun statistikament rappreżentattiv ta' 212-il tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa ta' nfiq fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ AGRI u tad-DĠ CLIMA u mbagħad inkluditha fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll fis-sistemi magħżula fl-Istati Membri;
115. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti sabet li l-livell ta' żball fl-intestatura "Riżorsi naturali" kien qrib il-livell limitu ta' materjalità, stmat li huwa ta' 1,8 % meta mqabbel ma' 2,0 % fl-eżerċizzju preċedenti, u li l-maġġoranza tal-iżbalji li nstabu affettwaw l-iżvilupp rurali u t-tranżazzjonijiet tal-miżuri tas-suq; jenfasizza li din iċ-ċifra hija konformi mal-istimi proprji tal-Kummissjoni; jirrimarka li d-DĠ AGRI kien jistma riskju fil-waqt tal-pagament (rata ta' żball aġġustata) ta' madwar 1,4 % għall-pagamenti diretti, 2,9 % għall-iżvilupp rurali u 2,1 % għall-miżuri tas-suq, li huwa konformi mas-sejbiet tal-Qorti; jirrimarka li dan l-allinjament bejn il-Qorti u l-istimi tal-iżbalji tal-Kummissjoni mhuwiex preżenti f'oqsma oħra tan-nefqa;
116. Jenfasizza li l-aktar sors komuni ta' żbalji misjuba mill-Qorti kien benefiċjarji jew nefqa ineliġibbli, segwit minn żbalji amministrattivi u nuqqas ta' rispett tal-impenji agroambjentali; jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet f'diversi każijiet li l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni kellhom biżżejjed informazzjoni biex jipprevjenu, jew jidentifikaw u jikkoreġu, l-iżball qabel ma jaċċettaw in-nefqa; jenfasizza li l-Qorti tqis li l-livell stmat ta' żball għal dan il-kapitolu kien ikun 1,2 % aktar baxx kieku l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni (għall-ġestjoni diretta) għamlu użu xieraq mill-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom; jieħu nota tal-fatt li l-Qorti tqis li dan huwa żball amministrattiv minħabba l-mankanza li tintuża l-informazzjoni disponibbli;
117. Jirrikonoxxi li l-pagamenti diretti, li jirrappreżentaw 67 % tan-nefqa, għandhom riskju ta' żball aktar baxx; jinnota li dawn huma ġestiti permezz tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAC), li tinkorpora s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art (LPIS); jieħu nota tal-fatt li l-Qorti tqis li s-SIAC, u b'mod partikolari l-LPIS, jiffurmaw sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva biex tiżgura li l-pagamenti diretti fl-intier tagħhom ma jiġux affettwati minn żball materjali; jinnota bi tħassib li l-Qorti sabet li l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq u pagamenti oħra, li jirrappreżentaw 33 % tan-nefqa, għandhom riskju ta' żball ogħla;
118. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 14/2022 tagħha "Ir-rispons tal-Kummissjoni għall-frodi fil-Politika Agrikola Komuni" sabet li r-riskji ta' frodi jvarjaw bejn l-iskemi ta' pagament tal-PAK; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ħadet azzjoni dwar l-infiq fuq il-frodi; jesprimi dispaċir għall-fatt li skont il-Qorti, l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni ma kinux proattivi biżżejjed fl-indirizzar tar-riski ta' frodi, bħal hu ta' art b'mod illegali; jenfasizza li d-dgħufijiet fil-verifiki tal-Istati Membri huma suxxettibbli li jiġu sfruttati mill-frodaturi u li l-Kummissjoni għandha timmonitorja aħjar il-miżuri nazzjonali kontra l-frodi, tipprovdi gwida aktar konkreta, u tippromwovi l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi; jinnota bi tħassib li xi aġenziji tal-pagamenti indikaw hteġa ta' parir aktar prattiku mill-Kummissjoni;

119. Jesprimi dispaċir għall-fatt li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tidentifika u tiġġielel il-frodi fil-pagamenti tal-PAK ma jwasslux għall-qerda sostanzjali tar-riskji u l-abbużi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-użu tal-pagamenti tal-PAK billi tipprovdi l-lista tal-akbar benefiċjarji għal kull Stat Membru u tippubblikaha kif xieraq;
120. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 16/2022 tagħha "Data fil-Politika Agrikola Komuni" sabet li d-data u l-għodod attwali jagħtu biss parzjalment l-informazzjoni meħtieġa għal tfassil ta' politika infurmat tajjeb fil-livell tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti sabet li l-Kummissjoni għandha diversi inizjattivi biex tagħmel użu aħjar mid-data eżistenti; jesprimi dispaċir għall-fatt li l-Qorti sabet li għad hemm ostakli f'dan il-qasam;
121. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 10/2022 tagħha "Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement" sabet li l-gruppi ta' azzjoni lokali jiffaċilitaw l-involviment lokali iżda jinvolvu spejjeż addizzjonali u proċessi ta' approvazzjoni bil-mod; huwa inkwetat li għadhom ma ntwerewx benefiċċji addizzjonali tal-LEADER u tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità;
122. Ifakkar fl-importanza ta' allokazżjoni ġusta tal-PAK, li minn naħa waħda għandha tevita kwalunkwe użu ħażin tal-fondi b'mod partikolari minn eliti, konglomerati kbar u individwi sinjuri politikament prominenti, u min-naħa l-oħra għandha tikkonċentra fuq bdiewa attivi, impenjati bis-sħiħ fl-attività agrikola;

Rakkomandazzjonijiet

123. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwitanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
124. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) tissimplifika b'mod sostanzjali r-regoli u l-proċeduri, tiżviluppa sessjonijiet ta' taħriġ obligatorji u informazzjoni Prattika għall-applikanti, b'mod partikolari applikanti ġodda, u ttejjeb l-assistenza u l-linji gwida għall-SMEs, l-ispin-offs, in-negozji ġodda, l-aġenziji tal-amministrazzjoni u tal-pagamenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tal-kontrolli;
 - (b) tagħmel użu aħjar u tħeġġeġ l-użu sistematiku tal-IA u tad-data minn teknoloġiji ġodda bħas-satelliti Copernicus Sentinel, li huma proprjetà tal-Unjoni, biex timmonitorja u tikkontrolla l-użu korrett tal-fondi tal-PAK;
 - (c) tagħmel l-użu tal-għodda tal-IT, ARACHNE u EDES, obligatorju u sistematiku għall-aġenziji tal-pagamenti, bħala għodda importanti li tista' tintuża biex jiġu identifikati proġetti, benefiċjarji u kuntratturi friskju ta' frodi;
 - (d) tiżgura l-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni billi tagħmel użu ġenerali u sistematiku minn sistemi diġitali u awtomatizzati għar-rapportar, il-monitoraġġ u l-awditjar u tistabbilixxi b'mod urġenti sistema integrata u interoperabbli li tibni fuq għodod u bażijiet ta' data eżistenti, iżda mhux limitata għalihom;
 - (e) tippreżenta emenda għar-regoli tal-PAK bil-għan li jiġi evitat li l-fondi tal-Unjoni jiġu żborżati fejn l-art tkun inkisbet bil-forza jew fejn is-sjieda tkun ġiet iddikjarata b'mod falz;
 - (f) tiġbor u tippubblika data dwar l-akbar benefiċjarji tal-PAK madwar l-Istati Membri, inkluża d-data integrata minn fondi oħra tal-Unjoni;

Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri, Sigurtà u Difiża

125. Jilqa' l-ħolqien tal-intestatura 4 "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri" tal-QFP għall-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 peress li dan jissottolinja l-importanza tal-kwistjonijiet relatati għall-Unjoni kollha kemm hi u b'mod partikolari l-baġit tal-Unjoni; jinnota li din l-intestatura fl-2021 kienet tikkonċerna EUR 2,5 biljun f'pagamenti, mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (EUR 1,2 biljun), mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Fruntieri u Viżi (EUR 0,4 biljun) u mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, il-Frontex u l-eu-LISA (EUR 0,9 biljun); jinnota li din in-nefqa tikkonċerna prinċipalment it-tlestija ta' proġetti u skemi pendenti mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020;

126. Jinnota li l-intestatura 5 "Sigurtà u difiża" tal-QFP kienet tikkonċerna EUR 0,7 biljun f'pagamenti, mill-Fond Ewropew għad-Difiża (EUR 0,2 biljun), mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Pulizija (EUR 0,2 biljun), mill-aġenziji deċentralizzati (EUR 0,2 biljun), u mis-Sikurezza u d-dekummissjonar nukleari (EUR 0,1 biljun);
127. Jinsab imħasseb li, mit-28 tranżazzjoni li eżaminat il-Qorti, disgħa (32 %) kienu affettwati minn żbalji, li l-Qorti kkwantifikat sitt żbalji li kellhom impatt fuq l-ammonti imposti fuq il-baġit tal-Unjoni, u li l-Qorti sabet ukoll sitt każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji, mingħajr l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni;
128. Jinnota li l-Qorti rrieżaminat ukoll il-ħidma mwettqa minn tliet awtoritajiet tal-awditjar ta' Stati Membri li awditjaw il-kontijiet annwali tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni/Fond għas-Sigurtà Interna tal-Istati Membri tagħhom; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Qorti identifikat nuqqasijiet fir-rapportar tagħha, relatati max-xogħol ta' awditjar li sar fuq għażla ta' proġetti, proċeduri ta' akkwist, ittestjar inadegwat tal-eliġibbiltà tan-nefqa u rekord insuffiċjenti tal-awditjar jew dokumentazzjoni ħażina, li jirriżultaw f'mankanza li tiġi identifikata n-nefqa ineliġibbli, f'konklużjonijiet tal-awditjar mhux affidabbli u f'aċċertament limitat mill-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar; jinnota li l-Qorti fformulat rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati;
129. Jinnota mit-tweġibiet tal-Kummissarju għall-mistoqsijiet bil-miktub li l-SMEs jipparteċipaw f'sejħiet mill-FEŻ u jikkonsistu f'43 % tal-entitajiet involuti fil-proposti magħżula; jinnota li l-Kummissjoni tippovdi appoġġ tekniku ġenerali lill-benefiċjarji potenzjali ta' fondi mill-Fond Ewropew għad-Difiża permezz tal-Portal għall-Finanzjament u għall-Offerti; jinnota wkoll li l-Kummissjoni tqis li l-parteeċipazzjoni tal-SMEs f'sejħiet mill-FEŻ hija appoġġjata permezz ta' għażliet ta' spejjeż issimplifikati, li huma ta' benefiċċju għall-parteeċipanti kollha, u l-organizzazzjoni ta' jiem ta' informazzjoni; iqis li għall-SMEs dan jista' ma jkunx biżżejjed minħabba l-problemi li jiltaqgħu magħhom dawn l-intrapriżi, li prinċipalment jirrigwardaw nuqqas ta' għarfien speċifiku dwar il-finanzjament tal-Unjoni u l-kapaċità amministrattiva;
130. Jinnota b'sodisfazzjoni li, fl-ewwel sena tas-sejħiet għal proposti tal-FEŻ (2021), 692 entità "unika" mill-Istati Membri kollha (ħlief Malta) u n-Norveġja kienu involuti fil-proċedura finali li wasslet għall-għażla ta' 61 proposta, li jindika kemm il-livell għoli ta' parteċipazzjoni kif ukoll il-livell ta' kooperazzjoni transfruntiera; jinnota wkoll li, bħala medja, entitajiet minn madwar tmien Stati Membri kienu involuti fi proposta magħżula għall-finanzjament;

Rakkomandazzjonijiet

131. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
132. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tikkunsidra l-attivitajiet użati miċ-Ċentru Komuni ta' Implimentazzjoni fl-RTD għall-Fondi ta' Orizzont Ewropa b'appoġġ għall-SMEs, bħala webinars u jiem tal-koordinaturi, u tikkopja elementi ta' suċċess fl-approċċ għall-FEŻ taċ-Ċentru ta' Implimentazzjoni Komuni fl-RTD, b'mod partikolari biex jingħata għarfien aktar speċifiku tal-finanzjament tal-Unjoni lill-SMEs u jitnaqqas il-piż amministrattiv għalihom;
133. Jistieden lill-Qorti tikkunsidra li tirrifletti l-intestaturi differenti tal-QFP fir-Rapport Annwali tagħha billi tiddedika kapitolu speċifiku għal kull intestatura;

Il-Viċinat u d-Dinja

134. Jilqa' l-adozzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali fl-2021 bħala l-istrument ta' finanzjament ewlieni fl-ambitu ta' din l-intestatura tal-QFP, bl-objettiv tiegħu li jirrispetta u jippromwovi l-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-Unjoni madwar id-dinja, u li jgħin fil-promozzjoni tal-multilateraliżmu u ta' sħubijiet aktar b'saħħithom ma' pajjiżi mhux tal-Unjoni; jinnota li l-NDICI-Ewropa Globali jirrifletti bidla kbira meta mqabbla mal-QFP tal-2014–2020, bl-integrazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, li qabel kienu ffinanzjati mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, fil-baġit ġenerali tal-Unjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li hemm nuqqas ta' approċċ aktar integrat fil-proġetti ta' żvilupp globali;

135. Ifakkar fil-fatt li d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DĠ DEVCO) ġie organizzat mill-ġdid fis-16 ta' Jannar 2021 u sar id-Direttorat Ġenerali għas-Sħubijiet Internazzjonali (DĠ INTPA); jilqa' l-konsolidazzjoni tar-riżorsi fil-qasam tas-sħubijiet internazzjonali bl-introduzzjoni tal-NDICI — Ewropa Globali u anke permezz tal-approċċ Tim Ewropa;
136. Jinnota li fl-2021, il-pagamenti għall-intestatura "Il-Viċinat u d-Dinja" kienu jammontaw għal EUR 10,9 biljun; jinnota li dawn il-pagamenti ġew żborżati bl-użu ta' varjetà ta' strumenti u metodi ta' konsenja; jinnota bi tħassib li l-Qorti tikkwalifika r-riskju ta' żball f'din l-intestatura tal-QFP bħala "għoli", bi 32 minn 67 tranżazzjoni awditjati (48 %) affettwati minn żbalji;
137. Jinnota li l-Qorti sabet 12-il każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet legali u finanzjarji li ma kellhomx impatt fuq il-baġit tal-Unjoni, iżda madankollu jimminaw il-ġestjoni finanzjarja tajba u għandhom il-potenzjal li jagħmlu l-ispejjeż ineliġibbli; jinnota li dawn il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità huma relatati mal-għażla ta' proġetti u mal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist u mas-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni ta' sostenn għat-talbiet dwar l-ispejjeż;
138. Jinnota r-riżultati tas-seba' studju dwar ir-rata ta' żball residwu mwettaq fl-2021 mid-DĠ NEAR, u b'mod partikolari r-rata ta' żball residwu ġenerali li nstabet li kienet 1,05 %, taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %; jinnota l-limitazzjonijiet li identifikat il-Qorti fir-rigward tal-metodoloġija biex tiddetermina r-rata ta' żball residwu, b'mod partikolari li sehem sostanzjali tan-nefqa tad-DĠ NEAR ma jiġix ikkunsidrat fil-popolazzjoni tal-kampjunar tar-rata ta' żball residwu, li l-Qorti tqis li ġġorr ir-riskju li l-iżbalji jibqgħu ma jiġux identifikati; huwa partikolarment inkwetat li d-DĠ NEAR ma ddivulgax il-limitazzjonijiet fir-Rapport Annwali tal-Attività tiegħu tal-2021;
139. Jinnota r-riżultati tal-istudju dwar ir-rata ta' żball residwu għall-2021 imwettaq mid-DĠ INTPA, li jiddistingwi r-rata ta' żball residwu għall-fondi implimentati mill-baġit tal-Unjoni (1,45 %) u l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (0,91 %); jilqa' l-fatt li d-DĠ INTPA jindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-awditjar dwar ir-rata ta' żball residwu; jinnota l-ispejjeżijiet ipprovduti mid-DĠ INTPA dwar il-metodoloġija tar-rata ta' żball residwu tiegħu u d-distinzjoni bejn ir-rata ta' żball residwu u x-xogħol tal-awditjar li sar, u l-konklużjonijiet li jirriżultaw minn dik il-ħidma, mill-Qorti; huwa inkwetat, madankollu, li għad hemm kritika fundamentali tal-Qorti dwar il-metodoloġija, u b'mod partikolari d-deċizzjonijiet relatati dwar ir-riżervi;
140. Jiddeplora l-materjal problematiku u ta' mibegħda fil-kotba tal-iskola u l-karti tal-istudju Palestinjani li għadu ma tneħħiex; jissottolinja li l-edukazzjoni u l-aċċess tal-istudenti għal kotba tal-iskola paċifiċi u imparzjali huma essenzjali, speċjalment fil-kuntest tal-implikazzjoni dejjem tikber tal-adolexxenti fattakki terroristiċi; jisħaq li l-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għall-Awtorità Palestinjana fil-qasam tal-edukazzjoni għandu jingħata bil-kundizzjoni li l-kontenut tal-kotba tal-iskola jkun allinjat mal-istandards tal-Unesco, kif deċiż mill-ministri tal-edukazzjoni tal-Unjoni f'Pariġi fis-17 ta' Marzu 2015, li r-referenzi antisemitiċi jitħassru kollha, u li jitneħħew l-eżempji li jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza, kif mitlub ripetutament fir-riżoluzzjonijiet li jakkumpanjaw id-deċizzjonijiet ta' kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-snin finanzjarji 2016, 2018, 2019 u 2020; għallhekk jitlob lill-Kummissjoni tiskrutinizza mill-qrib li l-Awtorità Palestinjana timmodifika l-kurrikulu sħiħ fil-pront;
141. Jinsab imħasseb dwar il-qerda u l-konfiska ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fix-Xatt tal-Punent; ifakkar fil-pożizzjoni tal-Kunsill, li esprima l-impenn tiegħu li jiżgura li l-ftehimiet kollha bejn Iżrael u l-Unjoni jridu jindikaw b'mod inekwivoku u espliċitu l-inapplikabbiltà għat-territorji okkupati minn Iżrael mill-1967, kif ukoll li jkompli l-implimentazzjoni effettiva tad-dritt eżistenti tal-Unjoni u l-arranġamenti bilaterali applikabbli għall-prodotti tal-insedjamenti;

142. Jirrimarka dwar id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-proġett immexxi mill-konsorzju Jordan Industry 4.0 & Digitalisation Innovation Centre (InJo4.0); jenfasizza li l-proġett huwa nieqes minn governanza u amministrazzjoni ċari, u li s-sieħeb ewlieni tal-konsorzju ddomina r-riżorsi tal-proġett b'tali mod li s-sħab kellhom biss aċċess ristrett ħafna jew l-ebda aċċess għar-riżorsi tal-proġett, u li żewġ sħab diġà ddeċidew li ma jibqgħux involuti fil-proġett; barra minn hekk, minħabba kunflitt ta' interess ċar min-naħa ta' dak li qed imexxi l-proġett, li jaġixxi bħala l-koordinatur tal-proġett, u l-biża' ta' monopolju favur il-kumpanija tal-koordinatur permezz tal-appropriazzjoni tal-proprjeta intellettwali kollha, jiddubita dwar il-kapaċità tal-Kummissjoni li timmaniġġja l-proġett; jistieden lill-Kummissjoni twettaq awditu indipendenti biex tikseb ħarsa ġenerali ċara tal-kwistjonijiet fuq il-post, tiżgura l-implimentazzjoni legali u trasparenti tal-proġett u tiżviluppa salvagwardji għal proġetti futuri biex tiġi evitata l-appropriazzjoni minn kumpanija waħda kif ukoll kanali ta' komunikazzjoni trasparenti għal proġetti f'pajjiżi terzi;
143. Jinnota l-importanza li tinħoloq rabta bejn il-kundizzjonalità u l-istat tad-dritt, kif ukoll tal-allinjament mal-Politika Eстера u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni; itenni li l-finanzjament tal-IPA III għandu jkun strettament marbut ma' dawn il-kriterji u l-fondi ma għandhomx jiġu żborżati lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent sakemm dawn il-kriterji ma jiġux issodisfati b'mod ċar, kif issottolinjat fir-Rapport Speċjali Nru 01/2022 tal-Qorti "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent";
144. Ifakkar li l-politika ta' żvilupp u kooperazzjoni hija maħsuba biex teqred il-faqar u tnaqqas l-inugwaljanza u li l-fondi għandhom jilhqqu biss il-benefiċjarji intenzjonati tagħhom;

Rakkomandazzjonijiet

145. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
146. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- terġa' tqis l-esklużjoni tal-kategoriji ta' nefqa li identifika il-Qorti u tiżvela b'mod ċar il-limitazzjonijiet tal-metodoloġija tagħha tar-rata ta' żball residwu;
 - tikkomunika aħjar ir-rati ta' żball li tippreżenta fir-rigward tar-rata ta' żball ippreżentata mill-Qorti, filwaqt li tispejga aħjar id-differenzi u tiddikjara b'mod ċar li l-Kummissjoni tappoġġja r-rata ta' żball tal-Qorti, u tipprovdi l-kalkoli tagħha stess sabiex tagħti analiżi aktar dettaljata li tħares lejn il-kawżi ewlenin tal-iżbalji;
 - tiżgura li ftehimiet ta' sħubija futuri jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' trasparenza, solidarjeta, responsabbiltà kondiviża, rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-dritt umanitarju internazzjonali; b'mod konkret billi twettaq valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma tinvolvi ruħha fi proġetti f'pajjiżi terzi, kif ukoll billi twettaq monitoraġġ matul il-fażi ta' implimentazzjoni u tagħmel ir-riżultati disponibbli għall-awtorità ta' kwittanza;
 - tikkonforma mar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ billi tiżgura li l-infiq relatat mal-migrazzjoni fl-NDICI jkun b'mod indikattiv ta' 10 % tal-istrument; tiżgura trasparenza sħiħa, billi tistabbilixxi ħarsa ġenerali ċara tal-istrumenti kollha fil-qafas tal-baġit tal-Unjoni użati biex jiffinanzjaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż l-informazzjoni dwar l-ammont, l-għan u s-sors tal-finanzjament kif ukoll tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar kwalunkwe miżura potenzjali oħra ta' appoġġ ipprovduta minn aġenziji tal-Unjoni, bħall-Frontex, sabiex jiġi żgurat li l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' twettaq b'mod effettiv ir-rwol istituzzjonali tagħha fl-eżerċizzju ta' skrutinju tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
 - tagħmel il-lista tal-benefiċjarji u tal-proġetti finali kollha disponibbli għall-awdituri u għall-Awtorità ta' Kwittanza u ssaħħaħ l-isforzi tal-Kummissjoni b'rabta mal-ġbir ta' informazzjoni dwar ir-riċevituri finali tal-finanzjament tal-Unjoni fil-livell tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li individwi jew gruppi affiljati, marbutin ma' organizzazzjonijiet terroristiċi, jew li jappoġġjawhom jiġu esklużi mill-finanzjament tal-Unjoni;

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

- (f) iżżid il-koerenza u s-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-NDICI-Ewropa Globali;
- (g) tipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tal-infiq fl-ambitu tal-programm Global Gateway il-ġdid u tissimplifika l-istrumenti eżistenti sabiex il-prijoritajiet tal-Unjoni jiġu integrati fl-ambitu tal-Global Gateway;

Amministrazzjoni pubblika Ewropea

- 147. Jinnota li l-Intestatura 7 “Amministrazzjoni Pubblika Ewropea” tal-QFP tirrappreżenta 5,9 % jew EUR 10,7 biljun tal-baġit tal-Unjoni, li tinkludi nefqa fuq ir-riżorsi umani u l-pensjonijiet, li fl-2021 kienet tirrappreżenta madwar 68 % tat-total, u fuq il-bini, it-tagħmir, l-enerġija, il-komunikazzjoni u t-teknoloġija tal-informazzjoni; minn dan l-ammont totali, EUR 6,3 biljun (58,5 %) jintnefqu mill-Kummissjoni; u l-bqija minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni; jinnota li l-Qorti tirrapporta separatament dwar l-aġenziji tal-Unjoni, entitajiet oħra u l-Iskejjel Ewropej; jenfasizza li l-mandat tal-Qorti ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew;
- 148. Jinnota li l-Qorti eżaminat kampjun statistikament rappreżentattiv ta’ 60 tranżazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa tal-infiq fl-ambitu ta’ din l-intestatura tal-QFP; jinnota li l-Qorti eżaminat ukoll l-informazzjoni dwar ir-regolarità mogħtija fir-rapporti annwali tal-attività tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kollha, inklużi dawk tad-direttorati ġenerali u tal-uffiċċji tal-Kummissjoni Ewropea li huma primarjament responsabbli għan-nefqa amministrattiva, u li mbagħad ġiet inkluża fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-Kummissjoni, fost l-oħrajn;
- 149. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Qorti tikkonkludi li l-livell ta’ żball fl-infiq fuq l-“Amministrazzjoni pubblika Ewropea” ma kienx materjali; jinnota li ma hemm l-ebda rakkomandazzjoni ġdida indirizzata lill-Kummissjoni;
- 150. Jilqa’ l-fatt li l-Qorti sabet, fir-Rapport Speċjali 18/2022 tagħha, “Istituzzjonijiet tal-UE u COVID-19”, li l-pjanijiet għall-kontinwità tal-operat tal-istituzzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom segwew standards rikonoxxuti u pprovdew bażi għar-rispons tagħhom għall-kriżi; jilqa’ l-fatt li l-istituzzjonijiet irnexxielhom jimminimizzaw it-tfixkil fl-attivitajiet ewlenin tagħhom; jieħu nota tal-fatt li l-valutazzjoni tal-effiċjenza tal-modi l-ġodda ta’ ħidma f’ambjent ta’ wara l-kriżi bdiet;
- 151. Jinnota bi tħassib li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 17/2022 tagħha “Konsulenti esterni fil-Kummissjoni Ewropea”, sabet li hemm lakuni sinifikanti fil-qafas li jirregola l-involvement ta’ konsulenti esterni u li jiġġustifika l-użu tagħhom; jieħu nota tal-fatt li l-proċeduri ta’ akkwist ġew irrISPETTATI, iżda r-riskji speċifiċi għadhom mhumiex ġestiti tajjeb; jinsab inkwetat dwar id-dgħufijiet identifikati fir-rigward tal-mod kif jiġu ġestiti u użati s-servizzi tal-konsulenti esterni; jinsab inkwetat dwar l-akkuratezza parzjali tal-informazzjoni ta’ ġestjoni tal-Kummissjoni u r-rapportar sistematiku dgħajef tagħha;

L-Iskejjel Ewropej

- 152. Jinnota b’sodisfazzjon li l-Qorti ma sabet l-ebda żball materjali fil-kontijiet annwali konsolidati finali tal-Iskejjel Ewropej għall-2021; jilqa’ t-titjib enfasizzat mill-Qorti fil-kontijiet individwali u konsolidati;
- 153. Jinnota bi tħassib id-dgħufijiet identifikati fis-sistemi ta’ kontroll intern tal-Uffiċċju Ċentrali u taż-żewġ skejjel magħżula mill-Qorti, b’mod partikolari fir-rigward tar-reklutaġġ, l-akkwist, u l-proċeduri ta’ pagament tagħhom; jinnota bi tħassib li l-Qorti ma tistax tikkonferma li l-ġestjoni finanzjarja tal-Iskejjel fl-2021 kienet kompletament konformi mar-Regolament Finanzjarju u mar-Regolamenti tal-Persunal;

Rakkomandazzjonijiet

- 154. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju Ċentrali tal-Iskejjel Ewropej fil-mandati rispettivi tagħhom biex jimplementawhom mingħajr dewmien u jżommu lill-awtorità ta’ kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni; jitlob skrutinju Parlamentari sħiħ tas-sistema tal-Iskejjel Ewropej sabiex tiżdied l-akkontabbiltà u tittejjeb il-governanza;

155. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:

- (a) tkompli l-ħidma tagħha sabiex tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha ta' ġestjoni sa tmiem il-mandat attwali tal-Kummissjoni u tirrapporta data diżaggregata skont il-ġeneri;
- (b) tkompli l-ħidma tagħha biex tiżgura bilanċ ġeografiku ġust tal-persunal tagħha fil-livelli kollha, speċjalment fil-livell tal-maniġment superjuri, fejn għadhom jippersistu żbilanċi qawwija, filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fir-Regolamenti tal-Persunal fir-rigward tal-kompetenzi u tal-merti tal-kandidati; jišhaq li skont l-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali, il-Kummissjoni, bħall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, jeħtiġilha tiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu rappreżentati b'mod proporzjonali;
- (c) tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tkompli tibni ambjent u kultura tax-xogħol aktar varjati u inklużivi billi tiegħu azzjonijiet favur il-persuni b'diżabilità, inkluż titjib fl-aċċess għall-bini;
- (d) tipprovdi analiżi dwar l-effetti tar-reklutaġġ ta' għadd dejjem jikber ta' aġenti kuntrattwali, li l-Parlament b'mod kostanti esprima tħassib dwarhom;
- (e) tistabbilixxi regoli ċari dwar ir-revolving doors b'mod partikolari għall-Kummissarji u l-ex uffiċjali għolja involuti f'attivitajiet ġodda wara li jtilqu mis-servizz, anke fl-aġenziji;
- (f) tkun minn ta' quddiem fil-protezzjoni tal-informaturi, filwaqt li tipprovdi l-pedamenti għal regolamentazzjoni aktar uniformi fost l-istituzzjonijiet kollha, abbażi tal-aħjar Prattiki u standards oġhla;

Appoġġ relatat mal-COVID-19

156. Jesprimi dispijaċir għall-fatt li l-Kummissjoni għadha ma pproduċiex rapport komprensiv dwar in-nefqa relatata mal-COVID-19 taħt il-baġit tal-Unjoni;

157. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 28/2022 tagħha "Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE)", sabet li l-istrument SURE kien rispons f'waqtu biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' qgħad matul il-pandemija tal-COVID-19 u li kien jinvolvi riskju finanzjarju limitat għall-baġit tal-Unjoni; jilqa' l-fatt li s-self SURE għen biex jiġu ffinanzjati l-iskemi nazzjonali għaż-żamma tal-impjiegi maħsuba biex irażżnu ż-żieda fil-qgħad matul il-kriżi tal-COVID-19; jesprimi dispijaċir għall-fatt li l-impatt ta' SURE ma jistax jiġi vvalutat bis-sħiħ minħabba limitazzjonijiet fil-monitoraġġ tad-data u n-nuqqas ta' evalwazzjoni *ex post*; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb b'mod sinifikanti l-monitoraġġ tad-data u tiddedika r-riżorsi tant meħtieġa biex tkun tista' ssir valutazzjoni affidabbli tar-riżultati u tal-eżiti tal-programmi u tal-politiki tagħha; jenfasizza l-fatt li nuqqas kostanti ta' valutazzjonijiet *ex post* ma jipprevedix ippjanar ibbażat fuq il-fatti tal-baġit tal-Unjoni li jmiss;

158. Jieħu nota tal-fatt li l-Qorti, fir-Rapport Speċjali 19/2022 tagħha "L-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE", tiddikjara li l-Unjoni ħolqot sistema ta' akkwist imfassla apposta għall-vaċċini kontra l-COVID-19; jinnota l-fatt li n-negozjati ggarantew portafoll diversifikat ta' vaċċini għall-Istati Membri; jinnota li l-Kummissjoni appoġġjat l-implimentazzjoni tal-kuntratti iżda kellha ingranaġġ limitat biex tegħleb l-isfidi fil-provvista; jesprimi dispijaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma pprovdiex lill-Qorti b'aktar informazzjoni relatata mal-kontenut ta' dawn il-kuntratti; jišhaq fuq l-obbligu ta' kull Istituzzjoni tal-Unjoni, Stat Membru u riċevitur pubbliku jew privat ta' fondi tal-Unjoni li jiżvelaw id-dokumenti rilevanti kollha, inkluża informazzjoni dwar in-negozjati preliminari mwettqa mill-Kummissjoni, fuq talba uffiċjali tal-Qorti bħala parti minn awditu li jkun jinsab għaddej; ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tiegħu tal-2020, relatata mal-aċċess għal SMS skambjati ma' kumpanija farmaċewtika rigward ix-xiri ta' vaċċin kontra l-COVID-19;

159. Iqis bħala ta' dispijaċir il-fatt li l-Kummissjoni għadha ma pprovdiex, b'mod trasparenti, informazzjoni dwar in-negozjati li saru mal-manifatturi tal-vaċċini, u b'hekk ħalliet lok għal suspett; jilqa', għal darb'oħra, id-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li titlob lill-President tal-Kummissjoni informazzjoni ċara u konkreta dwar in-negozjati li saru mal-manifatturi tal-vaċċini, u għal aktar trasparenza fir-rigward tal-kuntratti konklużi;

160. Iqis bħala ta' dispijaċir il-fatt li l-President tal-Kummissjoni Ewropea ma marritx għas-seduta ta' smiġh mal-kumitati speċjalizzati tal-Parlament Ewropew sabiex tipprovdi tweġibiet konkreti lill-Membri eletti direttament miċ-ċittadini tal-Ewropa, u dan jirrappreżenta nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni liċ-ċittadini;

Rakkomandazzjonijiet

161. Jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni tagħhom;
162. Jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni:
- (a) tirrapporta b'mod komprensiv dwar in-nefqa relatata mal-COVID-19 u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza, u tinkludi preżentazzjoni tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku tal-vaċċini;
 - (b) tivverifika li l-manifatturi tal-vaċċini kontra l-COVID-19 jikkonformaw mat-termini tal-ftehimiet ta' xiri bil-quddiem, b'mod partikolari fir-rigward tal-estimi tal-kostijiet tal-produzzjoni, l-użu ta' finanzjament bil-quddiem u, meta applikabbli, il-klawżoli li jipprobbixxu l-profitt, u tiegħu azzjoni korrettiva kif meħtieġ u żżomm lill-Awtorità ta' Kwittanza infurmata bis-sħiħ;
 - (c) tipparteċipa f'seduti ta' smiġħ fil-Parlament Ewropew rigward in-negozjati u l-kuntratti mal-manifatturi tal-vaċċini;

KAPITOLU II

Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza**Kummenti ġenerali**

163. Jisħaq li t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 biddlet f'daqqa l-perspettiva ekonomika u soċjali tal-Unjoni, filwaqt li rrikjediet sforz magħqud, li rriżulta fil-ftehim f'Diċembru 2020 dwar il-pakkett ta' rkupru għall-Ewropa, inkluża l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll dwar il-QFP 2021–2027; ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument ta' rkupru temporanju bbażat fuq il-prestazzjoni, jiġifieri l-pagamenti huma marbuta mat-tweqqiq sodisfaċenti tal-istadij importanti u tal-miri relatati mar-riformi u mal-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jisħaq li għalkemm il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija ffinanzjata mill-ħruġ ta' dejn, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ir-Regolament RRF) jipprevedi li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jridu jilħqu l-miri għan-nefqa klimatika u diġitali u jikkontribwixxu b'mod xieraq għall-oqsma ta' politika ta' rilevanza għall-Unjoni; ifakkar li kull pjan nazzjonali għandu jindirizza b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fis-Semestru Ewropew, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill; jisħaq fuq il-valur miżjud tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li tappoġġja aġenda bla preċedent ta' riformi u investimenti biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri;
164. Jinnota li fl-2021 il-Kummissjoni approvat 22 Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li impenjat EUR 154 biljun f'self u EUR 291 biljun f'għotjiet; jinnota li l-Kummissjoni żborżat prefinanzjament għal self b'valur totali ta' EUR 18-il biljun, fejn l-akbar żewġ riċevituri kienu l-Italja (EUR 15,9-il biljun) u l-Greċja (EUR 1,65 biljun); ifakkar li l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza ppermettiet lill-Istati Membri jirċievu prefinanzjament sa massimu ta' 13 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja; jinnota li l-Kummissjoni żborżat prefinanzjament għal għotjiet b'valur totali ta' EUR 36,3 biljun, fejn l-akbar żewġ riċevituri kienu Spanja (EUR 9,04 biljun) u l-Italja (EUR 8,95 biljun); jinnota li l-Kummissjoni żborżat pagament wieħed, lil Spanja, b'valur ta' EUR 10,0 biljun; jinnota li l-pagament lil Spanja kien akkumpanjat mill-ikklerjar ta' EUR 1,5 biljun ta' prefinanzjament mill-ammont ta' EUR 9,04 biljun li rċeviet bħala prefinanzjament minn dak l-Istat Membru, f'konformità mal-Artikolu 5(3) tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja;
165. Jinnota l-attivitàjiet tal-Kummissjoni b'rabta mal-ħruġ ta' titoli fis-swieq tal-kapital internazzjonali meħtieġa għall-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li għalihom sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni ġabret EUR 71,0 biljun ta' finanzjament fit-tul u EUR 20 biljun ta' finanzjament fuq perjodu ta' żmien qasir; jinnota l-ħruġ tal-ewwel bond ekoloġiku tan-Next Generation EU b'valur ta' EUR 12,0-il biljun, li jirrikjedi l-implimentazzjoni tar-rapportar dwar l-użu preċiż tar-rikavati tal-bonds ekoloġiċi u dwar l-impatt tal-investimenti; ifakkar fil-kwistjonijiet rigward ir-rapportar tal-prestazzjoni identifikati mill-Qorti u r-riskji reputazzjonali u finanzjarji li dan jista' jintroduċi għall-bonds ekoloġiċi; iqis li l-ewwel kostijiet tal-imgħax iġġarrbu għal dawn l-ammonti mislufa, inkluża rata tal-imgħax negattiva ta' aktar minn EUR 20 biljun f'depożitu fil-BĊE; jinnota l-introduzzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax għall-baġit tal-Unjoni minħabba l-ħtiġijiet ta' finanzjament tan-Next Generation EU;

166. Jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2021 rigward il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-uniku pagament li sar fl-2021, lil Spanja; jinnota li l-Qorti eżaminat il-ħidma *ex ante* tal-Kummissjoni dwar l-istadji importanti kollha assoċjati ma' dan il-pagament, filwaqt li vvalutat jekk il-Kummissjoni kinitx gábretevidenza suffiċjenti u xierqa biex tappoġġja l-valutazzjoni tagħha tal-issodisfar sodisfaċenti tal-istadji importanti inklużi fit-talba għall-pagament; josserva li l-Qorti ma eżaminatx pagamenti oħra fl-2021; josserva bi tħassib il-fatt li mhux se jkun possibbli għall-Qorti li tivvaluta l-istadji importanti kollha assoċjati ma' pagamenti futuri lill-Istati Membri kollha, u dan se jkollu impatt fuq l-analiżijiet futuri tagħha; madankollu jissuġġerixxi li l-Qorti tinkludi, fil-kampjun tagħha għall-2022, l-istadji importanti u l-miri għall-pagamenti kollha li saru fl-2022;
167. Jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti li, għall-pagament li sar lil Spanja fl-2021, wieħed mill-istadji importanti ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Qorti ma setgħetx tikkwantifika dan l-iżball minħabba l-ħtieġa tal-iżvilupp f'waqtu ta' metodoloġija biex jiġi kkwantifikat l-impatt ta' stadju importanti jew mira li ma jkunux intlaħqu (parzjalment); jinnota li l-Awditur Intern tal-Kummissjoni osserva u emfasizza l-assenza ta' din il-metodoloġija fl-Opinjoni Ġenerali tiegħu tal-2021 dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni ma kellhiex metodoloġija aktar b'saħħitha stabbilita qabel ma għamlet il-pagamenti; iqis bħala negliġenza min-naħa tal-Kummissjoni li ma jkollhiex din il-metodoloġija stabbilita qabel ma tagħmel il-pagamenti, peress li dan iqajjem dubji dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-twertiq sodisfaċenti tal-istadji importanti u tal-miri; jilqa' madankollu l-fatt, li l-Kummissjoni, wara talbiet ripetuti mingħand l-awtorità ta' kwittanza u l-Qorti, fil-21 ta' Frar 2023, adottat komunikazzjoni dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) li tinkludi żewġ annessi li fihom qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri skont ir-Regolament RRF u metodoloġija tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti skont ir-Regolament RRF;
168. Ifaħħar il-ħidma tal-Kummissjoni fir-rettifika tal-assenza ta' metodoloġija għall-ewwel 23 pagament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li l-metodoloġija għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiddetermina l-ammont li għandu jiġi sospiż jekk stadju importanti jew mira ma jitwettqux b'mod sodisfaċenti, b'rispett sħiħ tal-prinċipji tat-trattament ugwali u tal-proporzjonalità; josserva li l-kalkolu tal-ammont sospiż se jirrifletti kemm in-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll it-taħlita unika ta' riformi u ta' investimenti, u anke l-fatt li mhux il-miżuri kollha jikkontribwixxu b'mod ugwali għat-twertiq tal-oġġettivi ta' Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota madankollu li l-qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri huwa nieqes minn spjegazzjonijiet, pereżempju għalfejn il-mekkaniżmu ta' verifika u l-passi ta' monitoraġġ kif deskritti fl-arranġament operattiv ma għandhomx jitqiesu għall-valutazzjoni u għalfejn il-livell limitu *de minimis* huwa definit bħala "madwar devjazzjoni ta' 5 % jew anqas"; jissottolinja li d-definizzjonijiet ta' "twertiq sodisfaċenti" tal-istadji importanti u tal-miri rilevanti huma definiti permezz ta' termini, li huma neqsin minn definizzjoni ċara u jinkludu elementi suġġettivi bħala "devjazzjoni minima minn rekwiżit formali", "dewmien limitat u proporzjonali" u "devjazzjoni minima minn rekwiżit ta' sustanza"; jitlob li jingħataw aktar kjarifiki f'dan ir-rigward u jappella għal approċċ ċar u komprensiv meta jiġu vvalutati d-devjazzjonijiet sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu limitati sal-livell meħtieġ; jemmen li l-metodoloġija tas-sospensjoni tal-pagamenti għandha tittejjeb aktar fir-rigward tal-komponent tal-investiment biex torbot aħjar l-istadji importanti u l-miri rispettivi mal-kost reali mġarrab; jenfasizza li għandu jkun hemm valutazzjoni kontinwa tal-progress li jkun sar sabiex jiġi żgurat li t-twertiq tal-istadji importanti u tal-miri ma jiddewwimx ħafna;
169. Jinnota li l-metodoloġija għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti ma tipprovdi spjegazzjoni għall-valuri magħżula bħala koeffiċjenti u tinkludi wkoll elementi suġġettivi, bħall-aġġustamenti 'l fuq jew 'l isfel tal-valur tal-unità kkoreġut u termini li huma neqsin minn definizzjonijiet ċari, bħall-investimenti ta' "importanza kbira" jew riformi ta' "importanza partikolari"; jitlob li jingħataw aktar kjarifiki;
170. Jinnota l-konklużjonijiet wara l-missjoni tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju fi Spanja mill-20 sat-23 ta' Frar 2023, fejn ġew rikonoxxuti d-diffikultajiet bl-implimentazzjoni sħiħa tal-pjattaforma ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-fondi Spanjoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, CoFFEE, speċjalment fir-rigward tan-nuqqas ta' interoperabbiltà mal-pjattaformi reġjonali u tal-Unjoni u l-fatt li s-sistema ma kinitx kompletament operattiva; jinnota li l-Kummissjoni evalwat l-istadju importanti relatat fil-Pjan ta' Rkupru Spanjol bħala mwettaq b'mod sodisfaċenti, b'funzjonalità sħiħa, fi żmien meta dan ma kienx għadu l-każ; jirrikonoxxi li l-Kummissjoni talbet informazzjoni supplimentari u identifikat dgħufijiet fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni; jirrikonoxxi li s-sistema għandha l-potenzjal li tkun sistema ta' kontroll intern b'saħħitha għall-gvern ċentrali; jirakkomanda li s-sistema għandha tittejjeb f'termini ta' interoperabbiltà mas-sistemi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali; jissottolinja li t-trasparenza għandha tiżdied sabiex ir-reġjuni jkunu jistgħu jikkondividu l-aħjar Prattiki u jagħmlu l-informazzjoni adegwata u d-data diġitali aggregata faċilment aċċessibbli għall-pubbliku b'funzjonalitajiet ta' tiftix moderni;

171. Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni beda impenn ta' awditjar fir-rigward tal-programm tan-Next Generation EU fl-2021; jinnota li, wara l-ħidma li saret, l-Awditur Intern jiġbed ukoll l-attenzjoni, fl-Opinjoni Kumplessiva tiegħu tal-2021 dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni, għall-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq it-tfassil tal-kontroll u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni finanzjarja u strateġiji ta' awditjar u ta' kontroll xierqa; iqis li l-Awditur Intern huwa element essenzjali ta' sistema ta' kontroverifiki fi ħdan il-Kummissjoni u li informazzjoni indipendenti u oġġettiva derivata mill-attivitajiet ta' awditjar proprji hija indispensabbli biex l-Awditur Intern jiffunzjona b'mod effettiv; jirrimarka li skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar intern, is-Servizz tal-Awditjar Intern għandu jqis li jikkoordina aħjar il-ħidma tiegħu mal-Qorti bħala awditur estern;
172. Ifakkar fl-opinjoni tal-Kumitat CONT lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetariji dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; ifakkar fit-talba fiha għal lista tar-riċevituri u tal-proġetti finali kollha tal-Faċilità f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data kif ukoll biex jinżammu rekords tal-operaturi ekonomiċi u tas-sidien benefiċjarji tagħhom għall-fini ta' awditjar u ta' kontroll; iqis li l-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament RRF iqiegħed ir-rekwiżit fuq l-Istati Membri li jżommu dawn ir-rekords (i) għall-fini ta' awditjar u ta' kontroll u (ii) biex jipprevedi informazzjoni komparabbli dwar l-użu tal-fondi; jinnota, barra minn hekk, li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 22(3) jirrikjeđu li d-data kkonċernata ssir disponibbli għall-Kummissjoni fil-qafas tal-kwittanza għall-awtorità ta' kwittanza; jinnota li din id-data tista' tintalab mill-korpi nazzjonali ta' kontroll, investigattivi u tal-awditjar jew, fil-livell tal-Unjoni, skont l-Artikolu 22(2)(e) tar-Regolament RRF lill-Kummissjoni kif ukoll lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti; jesprimi dispaċir rigward in-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni waqt l-iżborż tal-pagamenti;
173. Jilqa' l-ftehim milħuq fin-negozjati interistituzzjonali dwar ir-Regolament RePowerEU li jemenda r-Regolament RRF biex isir obligatorju li jiġu ppubblikati darbtejn fis-sena l-akbar 100 riċevitur tar-RePowerEU u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal kull Stat Membru sa Frar 2024; jinnota li, fil-gwida adottata fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jipubblikaw tali lista sa minn April 2023 biex tiżdied it-trasparenza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; iqis madankollu li dan ma jissostitwix ir-rekwiżit li tiġi pprovduta l-lista tar-riċevituri u tal-proġetti finali kollha lill-awdituri u lill-awtorità ta' kwittanza għal kull sena finanzjarja;
174. Jinnota li s-servizzi tal-Kummissjoni li jimplementaw il-programmi tan-Next Generation EU, tal-koeżjoni u tal-iżvilupp rurali infurmaw lill-awtorità ta' kwittanza li huma kkoordinaw *ex ante* biex jevitaw finanzjament doppju ta' attivitajiet potenzjalment eliġibbli fl-ambitu ta' dawn il-programmi; iqis li l-verifiki *ex post* fil-livell tar-riċevituri finali mill-Istati Membri huma indispensabbli biex jiġi identifikat finanzjament doppju; itenni l-importanza li jkun hemm sistema integrata obligatorja unika ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni li ttiprovdi interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-Unjoni u dawk nazzjonali, biex, fost l-oħrajn, jiġu identifikati każijiet ta' finanzjament doppju u użu ħażin tal-fondi madwar l-Istati Membri;
175. Jinnota l-approċċ tal-Kummissjoni għall-aderenza mar-regoli dwar l-akkwist u l-ghajjnuna mill-Istat fl-investimenti fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li tibbaża fuq is-sistemi nazzjonali, u li tirrikorri għall-proċeduri ta' ksar meta jiġu identifikati każijiet ta' nuqqas ta' konformità fl-Istati Membri; iqis li dan mhux neċessarjament jolqot ir-riċevituri li jkunu gawdew minn vantaġġ inġust mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità; jirrikonoxxi li, f'konformità mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-ewwel responsabbiltà f'dan ir-rigward hija tal-Istati Membri li huma obbligati jstabbilixxu sistemi ta' kontroll xierqa u konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea kollha rilevanti, inklużi r-regoli dwar l-akkwist u l-ghajjnuna mill-Istat; ifakkar fis-sejbiet ripetuti mill-Qorti kif riflessi fir-rapporti ta' kwittanza preċedenti li l-ħidma ta' ċerti awtoritajiet nazzjonali jew korpi ta' ċertifikazzjoni hija suxxettibbli wisq għall-iżbalji u mhux affidabbli; jisħaq, għalhekk, li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà residwa li tiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll intern effettivi u effiċjenti li jiżguraw il-konformità mar-regoli kollha tal-Unjoni u nazzjonali, inklużi, b'mod partikolari, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-ghajjnuna mill-Istat, u regoli għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-finanzjament doppju, u li tintervjeni fejn l-Istati Membri ma jaġixxux kif meħtieġ mir-Regolament RRF inkluż permezz ta' pagamenti parzjali meta jkun hemm nuqqas ta' konformità mal-akkwist pubbliku; jilqa' fdak ir-rigward l-istrateġija tal-awditjar tal-Kummissjoni u t-tneđija fl-2022 ta' awditi tas-sistemi rigward il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE f'16-il Stat Membru, kif ukoll il-pjanijiet biex l-Istati Membri kollha jiġu koperti sa tmiem l-2023;

176. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li d-differenzi fil-kwalità tal-kontrolli u l-kumplessità tas-sistemi ta' kontroll applikati mill-Istati Membri jistgħu jirriżultaw f'nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll intern għall-fondi disponibbli fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri; jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti fl-Opinjoni 04/2022 tagħha dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-kapitoli REPowerEU fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmu effettiv ta' rapportar tal-frodi li jippermetti monitoraġġ u superviżjoni kontinwi tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinsab imħasseb dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li l-Istati Membri ma għandhom l-ebda obbligu li jirrapportaw suspetti ta' frodi fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet u lill-UPPE kif previst fir-Regolamenti rilevanti; jinsab imħasseb dwar twissijiet ripetuti mill-OLAF, mill-UPPE, mill-Europol u minn korpi kompetenti oħra li sistema ta' kontroll intern anqas effettiva tista' tattira l-użu ħażin, il-frodi u l-kriminalità organizzata;
177. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza trid tiġi implimentata mill-Kummissjoni b'ġestjoni diretta f'konformità mar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, b'mod partikolari r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(*) tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni; itenni li l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt parzjalment tiddependi minn informazzjoni li tirriżulta minn awditi u investigazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni u jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli dan jista' jkollu effett negattiv fuq l-effettività tal-mekkaniżmu;
178. Jinsab imħasseb dwar l-involvement insuffiċjenti tal-awtoritajiet lokali u reġionali fit-tħejija tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-ftit influwenza tagħhom fuq il-verżjoni finali tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jenfasizza li għandu jkun hemm approċċ inklużiv, inkluż permezz ta' approċċ ta' kogovernanza, fl-Istati Membri kollha biex jiġi ggarantit li l-awtoritajiet lokali u reġionali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-akkademja jew partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jkunu involuti b'mod adegwat fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jappella għall-involvement tagħhom ibbażat fuq prinċipji ċari, ġusti, trasparenti u mhux politiċizzati, fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza sal-livell massimu possibbli fl-ambitu tal-qafas leġislativ nazzjonali;
179. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri japplikaw approċċ ta' tolleranza zero għall-korruzzjoni sabiex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inklużi kontrolli ex ante b'saħħithom biex jipprevjenu u jidentifikaw l-approprijazzjoni indebita, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, mingħajr ebda eċċezzjoni;

Rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

180. Jinnota r-rapportar tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq it-tabella ta' valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif stipulat fl-Artikolu 30 tar-Regolament RRF; jinnota li l-biċċa l-kbira tar-rapportar s'issa, b'mod partikolari dwar l-indikaturi komuni, huwa dwar ir-riżultati mistennija u mhux dwar ir-riżultati miksuba; ifakkar li din l-istess kwistjoni ġiet identifikata mill-Qorti fir-Rapport Speċjali 09/2022 tagħha dwar l-Infuq fuq il-Klima;
181. Jinnota t-tabella ta' valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li fuqha l-Kummissjoni tirrapporta l-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; iqis l-informazzjoni ppreżentata bħala utli meta jitqies l-ammont ta' informazzjoni disponibbli; ifaħħar l-inklużjoni ta' lista dettaljata ta' stadji importanti u miri ssodisfati li turi l-progress miksub madwar l-Istati Membri u l-pilastru ta' politika; iqis, madankollu, li għandha tiġi żviluppata aktar biex tinkludi informazzjoni addizzjonali dwar il-progress u l-prestazzjoni reali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; iqis li l-progress reali miksub dwar l-indikaturi, mhux biss dak ibbaġitjat jew mistenni, għandu jiġi ppreżentat b'mod li jista' jinqara;
182. Jistieden lill-Kummissjoni tnedi Tabella ta' Valutazzjoni dettaljata li tkun apposta għall-istadji importanti tal-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis ir-riformi tal-Istati Membri u l-livell ta' konformità tagħhom mal-istadji importanti u l-każistika tal-QĠUE, bil-kontribut tas-servizzi kompetenti kollha tal-Kummissjoni u l-kontributi akkademiċi u tas-soċjetà ċivili indipendenti;

(*) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

183. Jirrikonoxxi li t-tabella ta' valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fiha repożitorju komplut u utli ta' dokumenti uffiċjali li jagħti għarfien dwar l-aktar ftehimiet importanti li ntlaħqu mal-Istati Membri fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza u dokumenti relatati, bħall-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni tal-pagamenti lill-Istati Membri; jinnota li r-Regolament RRF jippermetti t-traċċar tal-flussi finanzjarji mil-livell tal-Unjoni għal-livell tal-Istati Membri bħala benefiċjarji tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament RRF, b'mod partikolari l-għotjiet u s-self allokati u żborżati lil kull Stat Membru, u b'hekk jippermetti li tingħata ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni reali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'dak il-livell; ifakkar li t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma tippermettix it-traċċar tal-flussi finanzjarji mil-livell tal-Unjoni għal-livell tar-recipienti finali fl-Istati Membri u ma tipprovdix ħarsa ġenerali ċara lejn l-implimentazzjoni reali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'dak ir-rigward;
184. Ifakkar fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament RRF li jiddikjara li l-oġettiv speċifiku tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa li tipprovidi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju bil-ħsieb li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u tal-investimenti kif stabbiliti fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom; jifhem li huwa pprojbit b'ċertezza li l-flus mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jintużaw biex jissostitwixxu n-nefqa baġitarja rikorrenti nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament RRF; jinsab imħasseb madankollu mill-ewwel indikazzjonijiet li ma jistax jiġi eskluż li l-flus mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jintużaw biex jissostitwixxu n-nefqa nazzjonali f'għadd ta' Stati Membri; iqis li analiżi tan-nefqa nazzjonali hija meħtieġa biex wieħed jara sa liema livell il-finanzjament li sar disponibbli permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kien verament addizzjonali u ma ntużax biex jissostitwixxi n-nefqa nazzjonali rikorrenti, ifakkar li, f'konformità mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, f'dan l-istadju ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar x'ġara mill-prefinanzjament riċevut mill-Istati Membri li għalih għadu ma ġġarrab l-ebda kost relatat mal-investimenti; jistieden lill-Kummissjoni ttwettaq awditi u kontrolli rilevanti biex tiċċertifika l-addizzjonalità; jinnota, barra minn hekk, li l-Kummissjoni żviluppat linji gwida biex tiffurmula l-interpretazzjoni tal-finanzjament doppju u pprovdiet lill-Istati Membri b'informazzjoni ċara biex tiżgura sinerġiji u tevita finanzjament doppju; jinnota wkoll li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-finanzjament riċevut minn fondi oħra għall-miżuri fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
185. Ifakkar li ż-żamma ta' dokumentazzjoni li tappoġġja l-pagamenti hija prinċipju importanti ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jinsab inkwetat dwar is-sejba tal-Qorti li r-rekord tal-awditjar ma kienx biżżejjed biex ikopri l-elementi kollha meqjusa rilevanti fil-proċess tal-valutazzjoni fil-każ ta' żewġ stadji importanti għall-ewwel talba għall-pagament; ifakkar b'mod partikolari s-sejbiet tal-Qorti fir-rigward tal-istadju importanti 215 u t-tweġiba tal-Kummissjoni għal din is-sejba, li tispjega li l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq analiżi tal-kontenut tas-sit web DATAESTUR, inklużi ritratti tal-iskrin li ttieħdu f'Ottubru u f'Novembru 2021; jinnota li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-reġistrazzjoni ta' dawn ir-ritratti tal-iskrin ma saritx f'konformità mal-gwida interna u li jista' jsir titjib fiż-żamma tar-rekords; ifakkar fil-mistoqsija bil-miktub tal-awtorità ta' kwittanza li titlob din l-analiżi u t-tweġiba mill-Kummissjoni li la kitbet analiżi u lanqas rapport dettaljat dwar din il-kwistjoni, iżda li "diversi membri tal-persunal tal-Kummissjoni rrieżaminaw is-sit DATAESTUR u kkonfermaw li l-informazzjoni meħtieġa kienet preżenti"; jinnota li dan jaf mhuwix konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba;
186. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni stabbiliet għodda tal-IT apposta għar-rapportar mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("Fenix"); jinsab imħasseb madankollu dwar il-fatt li l-aċċess tal-Qorti għal din is-sistema huwa limitat kemm f'termini tal-għadd ta' persuni li għandhom aċċess kif ukoll tal-kamp ta' applikazzjoni tal-aċċess; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ħolqot funzjonalità f'Arachne li tippermetti li d-data dwar l-investimenti u l-miri mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiddaħħal fl-għodda; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtellgħu f'Arachne data kompluta u komprensiva dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
187. Jieħu nota tal-fatt li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiki u Finanzjarji (DG ECFIN) għall-2021 hija differenti mid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttorati Ġenerali l-oħra kollha; jinnota li d-dikjarazzjoni tikkonċerna l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, li huma allinjati mad-Direttorati Ġenerali l-oħra; jinnota wkoll iż-żieda ta' "l-implimentazzjoni tal-Artikolu 22(5) tar-Regolament RRF"; jinnota t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet bil-miktub mill-awtorità ta' kwittanza li "hija differenti biss fil-format iżda mhux fir-rigward tal-livell ta' aċċertament ipprovdut"; jinnota wkoll li f'konformità mal-Artikolu 22(5) tar-Regolament RRF, u f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni, l-obbligu li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jaq' f'idejn l-Istat Membru; jinnota, barra minn hekk, it-tweġiba tal-Kummissjoni li hija tiżgura, kemm permezz ta' valutazzjoni inizjali ta' kull programm ta' rkupru u reżiljenza kif ukoll permezz ta' awditi

tas-sistemi li l-Istati Membri stabbilew biex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li kull Stat Membru jimplimenta s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kontroll meħtieġa; jenfasizza li għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttorati Ġenerali l-oħra kollha, dik tad-DG ECFIN ma tiżgurax il-konformità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-regoli kollha tal-Unjoni u dawk nazzjonali fil-livell tar-riċevitur jew tal-proġett finali; jikkonkludi li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mill-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattat, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-akkontabbiltà fil-konfront tal-kontribwenti, trid tkun affidabbli u ma tistax tħalli lok għal dubju li l-Kummissjoni tkun qed taħrab mir-responsabbiltà tagħha permezz ta' dikjarazzjonijiet diverġenti ta' uffiċjali awtorizzanti individwali;

Ir-relazzjoni bejn il-Koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

188. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-Rieżami 01/2023 tagħha dwar il-finanzjament tal-Unjoni permezz tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li jindirizzaw il-komplementarjetà taż-żewġ sorsi ta' fondi; jinnota b'mod partikolari li matul il-perjodu 2014–2020, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni diġà pprovdew ekwivalenti ta' madwar 10 % tal-investiment pubbliku totali madwar l-EU-27 u li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tkompli żżid is-sehem tal-investimenti pubbliċi ffinanzjati mill-Unjoni fl-Istati Membri; ifakkar, f'dan ir-rigward, fis-sejba tal-Qorti li r-rata ta' assorbiment għall-Fond ta' Koeżjoni kienet eċċezzjonalment baxxa fl-2021, spjegata mill-impatt ikkombinat fuq l-awtoritajiet maniġerjali tal-adozzjoni tard f'nofs l-2021 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u tar-regolamenti speċifiċi għall-fondi, il-programmazzjoni tar-REACT-EU, u l-implimentazzjoni ta' miżuri oħra ta' emerġenza;
189. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti li fl-Istati Membri fejn is-sehem tal-investimenti ffinanzjati mill-Unjoni diġà huwa għoli, il-finanzjament addizzjonali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jista' jkompli jżid mal-pressjoni fuq il-kapaċità tal-Istati Membri li jonfqu l-fondi disponibbli għalihom; ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija implimentata taħt ġestjoni diretta, filwaqt li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni huma implimentati taħt ġestjoni kondiviża, li jfisser li l-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom responsabbiltajiet differenti b'raba ma' kull wieħed mis-sorsi ta' finanzjament; jinsab inkwetat dwar il-fatt li peress li l-metodi ta' implimentazzjoni huma differenti, b'ġestjoni diretta għall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u b'ġestjoni kondiviża għall-politika ta' koeżjoni, il-metodu ta' implimentazzjoni aktar dirett tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jaf "jieħu post" il-finanzjament aktar kumpless permezz tal-koeżjoni; jinnota li dan se jkun għad-detriment tal-involviment tal-awtoritajiet u tar-reġjuni lokali, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tas-sħab ekonomiċi u soċjali fil-finanzjament tal-Unjoni; jinnota r-riskju li xi Stati Membri jaf ma jkollhomx biżżejjed kapaċità amministrattiva biex jitttrattaw il-piż ta' sistemi amministrattivi paralleli; jinnota li tali pressjoni fuq il-kapaċità amministrattiva ġiet osservata matul seduti ta' smiġh u missjonijiet differenti tal-Kumitat CONT; jinsab inkwetat ukoll dwar il-fatt li n-Next Generation EU jista' potenzjalment iwassal, f'xi Stati Membri, għal spinta ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-ippjanar, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-fondi tal-Unjoni, kemm mil-livell tal-Unjoni għall-gvernijiet nazzjonali u potenzjalment mir-reġjuni għall-gvernijiet nazzjonali; ifakkar fit-twissijiet li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tista' tmur kontra l-iżviluppi pożittivi tal-għoti tas-setgħa reġjonali miksuba permezz tal-politika ta' koeżjoni f'dawn l-aħħar deċennji, u li n-nuqqas ta' relazzjoni finanzjarja diretta bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet maniġerjali jdgħajef l-aspetti ewlenin tal-kontroll finanzjarju u tal-kwittanza;
190. Jinsab inkwetat dwar il-kontribuzzjoni negliġibbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-kooperazzjoni transfruntiera, speċjalment meta jitqies l-ammont ta' finanzjament tal-Unjoni involut;
191. Josserva li skont id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, 20 Stat Membru jipprevedu proġetti transfruntiera fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom u jinnota li l-ammonti investiti għal kull Stat Membru jvarjaw ħafna; jirrimarka li, fl-2021, l-investiment medju ppjanat għal proġetti transfruntiera huwa biss madwar total ta' 6 % tal-allokazzjoni totali tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-Istati Membri kollha; iqis li f'tit wisq proġetti transfruntiera nbdew fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jinsab imħasseb dwar il-kontribut negliġibbli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-kooperazzjoni transfruntiera, speċjalment meta jitqies l-ammont ta' finanzjament tal-Unjoni involut; jinnota li enfasi aktar qawwija fuq proġetti transfruntiera kienet tkun teħtieġ aktar żmien għall-ippjanar u mekkaniżmu ta' inċentivi għall-Istati Membri; jenfasizza li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha rwol sinifikanti fl-orjentazzjoni mill-ġdid tal-Unjoni lejn l-indipendenza enerġetika u fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-UE u investimenti korrispondenti f'networks, interkonnetturi u proġetti tal-idroġenu transfruntiera; jilqa' l-fatt li, fil-gwida tagħha ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni offriet li tipprovdi lill-Istati Membri interessati bi pjattaforma ta' koordinazzjoni biex tgħinhom jistabbilixxu proġetti transfruntiera; jinnota li l-emendar tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) fir-rigward tal-kapitolu tar-REPowerEU fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jintroduċi fl-Artikolu 27 tiegħu kriterju dwar id-dimensjoni transfruntiera jew

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

multinazzjonali jew l-effett tar-riformi u tal-investimenti; jesprimi dispaċir għall-fatt li madankollu l-mira ta' 30 % ta' proġetti transfruntiera mhijiex vinkolanti; jappella biex is-self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza disponibbli isir disponibbli għall-Istati Membri interessati li jinvestu fi proġetti transfruntiera li huma ffukati fuq l-indipendenza enerġetika u li jittrasformaw il-grilja tal-enerġija fl-Unjoni;

192. Jisħaq li l-ammont sħiħ ta' pagamenti diżimpenjati tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom isiru disponibbli għall-Istati Membri interessati li jinvestu fi proġetti transfruntiera li huma ffukati fuq l-indipendenza enerġetika u li jittrasformaw il-grilja tal-enerġija;

Valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza

193. Jinnota s-sejbiet tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 21/2022 tagħha dwar "Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza — inġenerali xierqa iżda fadal riskji fl-implimentazzjoni"; josserva li l-valutazzjoni tal-Qorti hija bbażata fuq kampjun ta' sitt Stati Membri, erbgħa bl-ogħla allokkazzjoni ta' għotjiet f'termini assoluti u tnejn bl-ogħla allokkazzjoni ta' għotjiet fir-rigward tal-prodott domestiku gross tagħhom għall-2020; jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet kumplessivament xierqa meta titqies il-kumplessità tal-proċess u r-restrizzjonijiet taż-żmien, għalkemm ġew identifikati wkoll għadd ta' dgħufijiet fil-proċess u fir-riskji għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni pprovdiet appoġġ lill-Istati Membri meta kienu qed jabbozzaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ħarġet dokumenti ta' gwida; jinnota l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat kważi r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Qorti;
194. Jinsab inkwetat dwar il-fatt li l-Qorti sabet li kien hemm lakuni fl-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2019 u tal-2020 fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota li l-Qorti vvalutat li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Stati Membri relattivament żgħar ma kienx fihom lakuni, filwaqt li l-Qorti vvalutat li l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri l-kbar fihom lakuni serji; jinsab inkwetat dwar il-fatt li n-"negozjati" osservati mill-Qorti fil-qbil dwar il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jwasslu għal inugwaljanza fit-trattament tal-Istati Membri; iqajjem dubju, barra minn hekk, dwar jekk partijiet importanti tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, li anke bl-inċentivi finanzjarji tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mhumiex qed jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, qatt humiex se jiġu implimentati;
195. Jikkritika l-fatt li l-Kummissjoni ma spjegatx kif id-daqs tas-segment tal-pagamenti huwa relatat mal-ammont u mad-daqs tal-istadji importanti u tal-miri ta' bażi; jinsab inkwetat dwar il-fatt li din id-diskrepanza fid-daqs ta' pagament u fl-għadd ta' stadji importanti u miri ta' bażi tista' tincentina lill-Istati Membri biex ma jissottomettux talbiet finali għall-pagamenti, li f'xi każijiet jiddependu minn għadd relattivament kbir ta' stadji importanti u miri, u b'hekk ma jlestux ir-riformi u l-investimenti kollha miftiehma fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom, wara li jkunu diġà rċewew l-akbar sehem mill-kontribuzzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom;
196. Ifakkar fis-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kollha, minkejja n-nuqqasijiet identifikati fil-kampjun tal-Qorti, tat "klassifikazzjoni B" għall-estimi tal-kostijiet tal-investimenti li saru fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li enfasizzat problemi possibbli b'rabta mal-akkuratezza tal-ammonti involuti; jinnota li dawn id-dgħufijiet iwarjaw minn nuqqas ta' informazzjoni għal xi miżuri fl-istadju tal-ippjanar sa suppożizzjonijiet ta' bażi li mhumiex kompletament plawżibbli għal kull miżura; jinnota li l-Kummissjoni vvalutat l-kostijiet totali stmati tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza abbażi tal-kriterji msemmija fl-Anness V tar-Regolament RRF; josserva li l-Kummissjoni rrikjediet li kull Stat Membru jtejjeb l-estimi tal-kostijiet tiegħu u jippreżenta evidenza u ġustifikazzjoni addizzjonali sa ma l-plawżibbiltà u r-raġonevolezza tal-estimu tal-kostijiet ikunu laħqu tal-anqas "B"; jissottolinja li l-kombinazzjoni speċifika ta' investimenti mar-riformi tiżgura li r-riformi meħtieġa jiġu implimentati fil-ħin u spiss fis-snin bikrija u li jiġu rispettati; jenfasizza li l-awtorità ta' kwittanza ma tistax tistenna sa wara t-tmiem tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex tirċievi ċarezza sħiħa dwar l-użu xieraq tal-fondi tal-Unjoni; jissottolinja r-riskju li l-Istati Membri jistgħu ma jitolbux l-aħħar segment tal-pagamenti, u għalhekk jistgħu jonqsu milli jissodisfaw ir-riformi u l-investimenti kollha wara li jkunu rċewew l-akbar parti tal-appoġġ finanzjarju totali tagħhom fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

197. Jinnota li huwa importanti li l-fondi kollha allokat lill-Istati Membri fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jirriżultaw friformi u investimenti, peress li huwa biss b'dan il-mod li l-awtorità ta' kwittanza tista' tkun ċerta li l-fondi kollha ġew allokat li lir-riċevituri finali b'rispett sħiħ tal-prinċipju tal-addizzjonalità; ifakkar fil-kritika espressa f'rapporti ta' kwittanza preċedenti tal-prattika li xi Stati Membri sistematikament jimlew iżżejjed il-programmi ta' finanzjament f'ġestjoni kondiviża u jirtiraw proġetti mill-fondi tal-Unjoni meta jiġu skoperti irregolaritajiet u/jew frodi fin-nefqa relatata tagħhom, u b'hekk jevadu b'mod effettiv l-investigazzjonijiet tal-Unjoni u/jew segwitu effettiv u korrezzjonijiet possibbli; jiddeplora l-fatt li l-piż ta' dawn l-irregolaritajiet u l-frodi possibbli jingħadda fuq il-baġit nazzjonali, u għaldaqstant, il-kontribwent nazzjonali;

Definizzjoni tal-istadji importanti

198. Jinsab inkwetat dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li ċerti stadji importanti u miri huma nieqsa miċ-ċarezza; jikkondividi t-tħassib tal-Qorti li l-assenza ta' definizzjonijiet ċari u komparabbli tal-istadji importanti u tal-miri timplika r-riskju li dawn l-istadji importanti u l-miri jkun diffiċli biex jiġu vvalutati u r-riskju relatat li l-objettiv inizjali li kien fil-mira ma ġiex issodisfat; jissottolinja li dan iħalli lill-Kummissjoni b'marġni kbir ta' diskrezzjoni meta tivvaluta jekk stadju importanti u mira definiti b'mod vag inkisbux; jinnota f'dan ir-rigward l-osservazzjoni tal-Qorti li l-istadju importanti 395 fl-ewwel talba għall-pagament minn Spanja ma ntlaħaqx b'mod sodisfaċenti; jinnota bi tħassib it-tweġiba tal-Kummissjoni li l-element li l-Qorti qieset li mhuwiex issodisfat mhuwiex parti mill-istadju importanti, iżda jinsab fid-deskrizzjoni tal-miżura; jisħaq li l-konformità mal-istadji importanti u l-miri tista' tiġi stabbilita biss abbażi ta' valutazzjoni dettaljata u kriterji ċari, u mhux abbażi ta' negozjati politiċi; iqis li għandhom jinsiltu tagħlimiet mill-esperjenza tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li għandhom jiġu riflessi f'metodoloġija standardizzata għad-definizzjoni ta' stadji importanti u miri;

199. Jisħaq li l-konformità mal-istadji importanti tista' tiġi stabbilita biss abbażi ta' valutazzjoni dettaljata u kriterji ċari u fissi, u mhux abbażi ta' negozjati politiċi;

200. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-istadji importanti u l-miri spiss ikunu bbażati fuq indikaturi tal-output u saħansitra tal-input, u dan jillimita l-possibbiltà li tittejjel il-prestazzjoni tal-miżuri biex jiġu ppreżentati biss l-outputs miksuba u mhux ir-riżultati u fl-aħħar mill-aħħar l-impatti ta' nofs it-terminu tagħhom fuq l-objettivi tal-politika tal-Unjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jinnota l-osservazzjoni tal-Qorti li l-indikaturi tal-impatt għandhom, abbażi tad-definizzjoni tagħhom, perjodu ta' żmien itwal, u dan jista' ma jkunx adatt għall-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

201. Jinnota s-sejba tal-Qorti li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienet ibbażata parzjalment fuq arranġamenti li kienu għadhom ma ġewx stabbiliti; jinnota f'dan ir-rigward is-sejba tal-Qorti li l-Kummissjoni inkludiet stadji importanti u miri addizzjonali li għandhom jinkisbu qabel l-ewwel pagament sabiex jiġi adottat il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li l-valutazzjoni tagħha kkontribwiet għat-titjib tal-kwalità tal-istadji importanti u tal-miri; jinsab inkwetat dwar il-fatt li jekk ma jkunx hemm stabbilita sistema ta' monitoraġġ kompletament funzjonali fil-bidu tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza jinħolqu riskji ta' dewmien fil-valutazzjonijiet u fil-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u tal-miri; jenfasizza l-fatt li s-sistemi ta' monitoraġġ jew il-korpi ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri li kienu jagħmlu parti mill-kampjun fi żmien il-valutazzjoni kienu għadhom ma ġewx stabbiliti kompletament fiż-żmien meta ġew approvati l-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li dan ukoll illimita l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-kapaċità amministrattiva tagħhom; jinnota wkoll f'dan ir-rigward is-sejba tal-Qorti li anke fuq l-arranġamenti tal-awditjar u ta' kontroll, l-aħħar għażla f'termini ta' affidabilità tal-informazzjoni, ingħatat klassifikazzjoni A minkejja li diversi miżuri ma kinux stabbiliti; jinnota f'dak ir-rigward il-konklużjoni tal-Qorti li l-klassifikazzjoni "A" għall-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kollha f'dan il-qasam hija tal-anqas parzjalment spjegata mill-fatt li r-Regolament RRF ta lok biss jew għal klassifikazzjoni "A" (adegwat) jew inkella għal "C" (insuffiċjenti), fejn "C" tirriżulta fil-fatt li l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġi rriżutat fl-intier tiegħu; ifakkar fil-fatt li strutturi adegwati ta' awditjar u ta' kontroll huma prerekwiżit biex jiġu riċevuti fondi mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

202. Jinnota minn rapporti ta' ġurnalisti investigattivi li diversi Stati Membri bbażaw fuq għarfien esperti ipprovdut minn kumpaniji ta' konsulenza fl-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li dawn il-kumpaniji min-naħa tagħhom joffru servizzi biex jappoġġjaw riċevituri potenzjali ta' appoġġ finanzjarju fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'dawn l-Istati Membri;

Rakkomandazzjonijiet

203. Jappoġġja bil-qawwa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti fir-Rapport Annwali tagħha, kif ukoll fir-rapporti speċjali relatati; jistieden lill-Kummissjoni timplimentahom mingħajr dewmien u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar il-progress tal-implimentazzjoni;
204. Jistieden lill-Qorti:
- tiżviluppa metodoloġija effettiva biex jittieħdu kampjuni tal-istadji importanti u tal-miri f'każ li tiddeċiedi li tivvaluta mill-ġdid il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, peress li mhux se jkollha r-riżorsi biex tivverifika l-istadji importanti kollha u l-miri kollha tat-talbiet kollha għall-pagament fil-futur; tqis li din il-metodoloġija għandha tidentifika b'mod effettiv l-istadji importanti u l-miri, li jkollhom riskju oġġha ta' nuqqas ta' twettiq u/jew li jkollhom rilevanza oġġha biex jikkontribwixxu għas-suċċess ġenerali tal-għanijiet finali stabbiliti; jistieden lill-Qorti tinkludi, fl-awditu tagħha tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-istadji importanti u tal-miri, ir-rekord tal-awditjar tad-dokumentazzjoni dwar l-issodisfar tagħhom;
205. Jistieden lill-Kummissjoni:
- tagħmel il-lista tar-riċevituri u tal-proġetti finali kollha tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza disponibbli għall-awdituri u għall-awtorità ta' kwittanza għall-pagamenti kollha (fl-2021 u tul l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), u ttipprovi lill-Qorti b'aċċess sħiħ għall-għodda tal-IT "Fenix");
 - tieħu passi biex tagħmel operazzjonali l-obbligu l-ġdid fuq l-Istati Membri li jipubblikaw il-100 riċevitur finali li jirċievu l-oġġha ammont ta' finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u li tieħu l-miżuri kollha xierqa jekk l-Istati Membri jonqsu milli jimplimentaw din id-dispożizzjoni b'mod adegwat;
 - tindika, flimkien mal-Istati Membri, l-isem eżatt tal-programmi soċjali u tal-miżuri ta' appoġġ kollha implimentati fl-Istati Membri b'fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jitlob għalhekk indikazzjoni tas-sehem tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza f'dawn il-programmi u indikazzjoni eżatta tal-benefiċċji li ġew sostitwiti b'mod proporzjonali bil-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fil-protezzjoni nazzjonali għall-qgħad, is-saħħa u l-kura fit-tul;
 - tispjega lill-awtorità ta' kwittanza r-raġunament u l-loġika wara l-qafas għall-valutazzjoni tal-istadji importanti u l-miri fl-ambitu tar-Regolament RRF u l-metodoloġija tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tas-sospensjoni tal-pagamenti fl-ambitu tar-Regolament RRF u tqis li ttipprovi definizzjonijiet addizzjonali biex jitnaqqas l-impatt tal-elementi suġġettivi li jinsabu fihom;
 - tivvaluta l-issodisfar mill-Istati Membri tal-istadji importanti tal-Istat tad-Dritt fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza abbażi ta' valutazzjoni dettaljata, kriterji ċari u fissi, u f'konformità sħiħa mal-każistika tal-QĠUE, mhux billi tħares biss lejn l-adozzjoni formali tal-leġiżlazzjoni ta' riforma iżda wkoll lejn l-applikazzjoni legali u Prattika, u mhux abbażi ta' negozjati politiċi;
 - tapplika proċedura ta' ħatra aktar trasparenti għall-pożizzjonijiet kollha, b'mod partikolari dawk fil-maniġment u biex ttipprovi aktar ċarezza fil-proċedura ta' ħatra eżistenti, li hija nieqsa f'termini ta' trasparenza u akkontabbiltà;
 - ma tapprova l-ebda talba għal pagament sakemm l-istadji importanti kollha tal-Istat tad-Dritt ma jkunux ġew issodisfati bis-sħiħ;
 - tappoġġja lill-Istati Membri biex iżidu l-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jimmaniġġjaw is-sistemi amministrattivi paralleli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-implimentazzjoni tal-fond ta' koeżjoni, u tgħinohom inaqqsu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn, jissimplifikaw l-offerti u jipprovdu informazzjoni aktar immirata, u b'hekk jiġi f'faċilitat l-aċċess tal-SMEs u ta' dawk li jaħdmu għal rashom għall-finanzjament;
 - tapplika viġilanza addizzjonali jekk ikun hemm sinjali ta' użu ħażin, frodi u kriminalità organizzata mmirati lejn il-fondi disponibbli fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza flimkien mal-Europol, l-UPPE, l-OLAF u atturi rilevanti oħra u tintroduċi rapportar dwar suspetti ta' frodi fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza lill-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet u lill-UPPE kif previst fir-Regolamenti rilevanti;

- (j) tagħmilha ċara li l-proġetti u l-miżuri kollha ffinanzjati minn kwalunkwe Pjan Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tal-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ⁽⁵⁾, għandhom jitqiesu bħala ffinanzjati mill-flus tal-Unjoni mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u b'hekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-UPPE;
- (k) jitlob speċjalment fid-dawl tal-valutazzjoni tar-riskju tal-Awditur Intern bħala l-bażi għall-ippjanar tiegħu tal-awditjar, li l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandha tkompli tidher b'mod prominenti fil-pjanijiet tal-awditjar tiegħu, meta jitqies il-karattru innovattiv u l-interessi finanzjarji għoljin tagħha;
- (l) tevalwa l-proċedura fir-rigward tal-infurzar tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fis-Semestru Ewropew u fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u, meta meħtieġ, tipproponi għodod ġodda biex tiġi infurzata l-implimentazzjoni, filwaqt li jitqies li għal xi Stati Membri, ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż kollha ġew indirizzati fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, filwaqt li għal Stati Membri oħra (akbar), ma ġewx indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż kollha;
- (m) tagħmel distinzjoni ċara bejn ir-riżultati bbaġitjati u r-riżultati miksuba fil-komunikazzjoni tagħha dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza b'mod ġenerali u b'mod aktar speċifiku dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sabiex tinforma b'mod korrett lill-pubbliku ġenerali u tevita nuqqas ta' fehim;
- (n) ittejjeb il-pubblikazzjoni, u tinkludi fuq it-tabella ta' valutazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-ammonti mislufa mill-Unjoni biex tiġi ffinanzjata l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u l-imgħax imġarrab biex jitħallsu l-ammonti mislufa kif ukoll l-ammonti ta' mgħax imħallsa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fuq is-self li sar disponibbli għalihom fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- (o) twettaq, fl-2023, analiżi tan-nefqa nazzjonali billi tqabbel in-nefqa u l-investimenti fil-baġits nazzjonali qabel u wara li tagħmel il-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza disponibbli għall-Istati Membri li rċevew l-akbar sehem ta' appoġġ fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex jiġi stabbilit jekk il-finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ssostitwixx in-nefqa nazzjonali rikorrenti minflok l-investimenti, filwaqt li jiġi rikonoxxut li ġiet evitata reċessjoni ekonomika severa wara l-pandemija tal-COVID-19;
- (p) tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza x'għamlu l-Istati Membri, li rċevew prefinanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li kien għadu ma jstax jiġi allokati lill-investimenti, bil-fondi li rċevew;
- (q) taċċetta biss stadji importanti u miri li għalihom tkun irċeviet dokumentazzjoni li tappoġġja l-implimentazzjoni tagħhom, u mhux sempliċi dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri u tiżgura ir-reġistrazzjoni ta' rekord tal-awditjar suffiċjenti li jkopri l-elementi kollha meqjusa rilevanti fil-proċess ta' valutazzjoni tal-istadji importanti u tal-miri;
- (r) tistabbilixxi qafas *ex ante* u *ex post* affidabbli biex tivverifika jekk l-istadji importanti u l-miri kollha humiex verament implimentati u dokumentati, inkluż rekord tal-awditjar suffiċjenti li jirreġistra l-valutazzjoni tal-istadji importanti, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lill-valutazzjoni ta' jekk il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" ġiex irrispettat, kif ukoll biex tissostanzja r-riżultati għall-investimenti li jikkontribwixxu għall-miri ekoloġiċi u diġitali fil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- (s) terġa' tqis il-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-konformità tal-miżuri ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali għas-sinjura li ġejjin meta titqies il-ġustifikazzjoni mhux sodisfaċenti pprovduta mill-Kummissjoni u r-responsabbiltà bħala Gwardjan tat-Trattat għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
- (t) timmonitorja mill-qrib it-tweġġiq tal-istadji importanti u tal-miri, b'mod partikolari dawk relatati mal-awditjar, il-monitoraġġ u l-kontroll;
- (u) tivvaluta mhux biss l-istruttura iżda wkoll il-funzjonament attwali tal-arranġamenti tal-awditjar u ta' kontroll tal-Istati Membri skont l-Artikolu 22 tar-Regolament RRF, filwaqt li tidentifika oqsma li jistgħu jittejjbu jew isiru aktar effiċjenti;
- (v) tiċċara lill-awtorità ta' kwittanza liema metodoloġija applikat biex tasal għall-profilu ta' pagamenti miftiehma, b'mod partikolari kif l-għadd u d-daqs tal-istadji importanti u l-miri ta' bażi huma relatati mad-daqs ta' kull segment tal-pagamenti;
- (w) twettaq mill-ġdid l-analiżi tal-Qorti tal-profilu tal-pagamenti mir-Rapport Speċjali 21/2022 għall-profilu kollha tal-pagamenti ta' kull Stat Membru u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza kif kull talba għall-pagament tkun marbuta mal-għadd ta' stadji importanti u miri li għandhom jiġu ssodisfati għal kull Stat Membru, u tipproponi miżuri biex tiggarrantixxi li l-istadji importanti u l-miri kollha jitlestew sal-31 ta' Awwissu 2026;

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

- (x) tindirizza r-riskji u l-isfidi li jokkorru mill-implimentazzjoni parallela tal-koeżjoni u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-involvement tas-sħab lokali, reġjonali, ekonomiċi u soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li possibilmment jirriżulta f'assorbiment aktar faċli tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza meta mqabbel mal-finanzjament ta' koeżjoni, billi ssir aktar enfasi fuq l-involvement ta' dawn l-atturi fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza permezz ta' approċċ ta' kogovernanza, li jkollu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-komplementarjetà bejn il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-koeżjoni;
- (y) tħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Membri li jixtiequ jemendaw il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħhom biex jinkludu proġetti transfruntiera fl-investimenti tagħhom u b'mod ġenerali jagħmlu aktar enfasi fuq tali proġetti li huma verament Ewropej; ifakkar li l-proġetti transfruntiera għandhom jindirizzaw il-konġestjonijiet eżistenti fit-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin tal-enerġija, u b'hekk jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni; tapprova biss kapitoli tar-RePowerEU tal-Istati Membri li jallokaw tal-anqas 30 % tal-finanzjament għal proġetti li jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali, kif miftiehem fin-negozjati tar-RePowerEU u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza;
- (z) tagħmel l-ammont sħiħ ta' self pendenti u ta' pagamenti diżimpenjati disponibbli, b'mod partikolari, għal proġetti transfruntiera li jiffukaw fuq l-indipendenza enerġetika u li jkollhom l-għan li jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħeġġeġ u tappoġġja lill-Istati Membri jiżviluppaw proġetti transfruntiera, b'mod partikolari dwar l-indipendenza enerġetika u tippermetti lill-Istati Membri jitolbu self minn self pendenti u pagamenti diżimpenjati biex jiffinanzjaw proġetti transfruntiera li jiffukaw fuq l-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Kunsill fir-rigward tal-progress fl-implimentazzjoni, il-pagamenti sospiżi u diżimpenjati u t-talbiet ta' self;
- (aa) issaħħaħ, meta rilevanti, l-awditi tas-sistema tagħha fl-Istati Membri għal kull sistema ta' kontroll intern (fil-każ ta' metodi deċentralizzati jew ta' implimentazzjoni) u tiżgura għadd raġonevoli ta' testijiet ta' fajls tal-akkwist individwali sabiex tiggarrantixxi l-effettività fil-prattika tas-sistemi ta' kontroll intern;
- (ab) tiżgura li l-verifiki fuq il-finanzjament doppju jiġu inklużi fl-oqfsa ta' awditjar u ta' kontroll tal-Istati Membri għall-programmi tan-Next Generation EU, tal-iżvilupp rurali u ta' koeżjoni u tiżgura l-funzjonament xieraq tagħhom permezz ta' verifiki tas-sistemi; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tivverifika li l-finanzjament doppju ma jseħħx billi jitwettqu verifiki bbażati fuq ir-riskju fuq il-pagamenti kollha lir-riċevituri finali fl-ambitu ta' dawn il-programmi;
- (ac) tiżgura li tiġi ggarantita l-affidabbiltà tar-repożitorji tar-riċevituri finali tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-integrità u l-kompletezza, bil-ħsieb li jiġi żgurat, li ladarba jinstabu irregolaritajiet li jikkonċernaw ir-riċevituri finali, isir segwitu korrett fil-livell tal-Unjoni;
- (ad) tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza x'għamlet il-Kummissjoni biex tinnewtralizza l-kunflitt ta' interess potenzjali fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-involvement tal-konsulenti;
- (ae) tippovdi rapport dettaljat lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riformi li l-Istati Membri kienu diġà implimentaw qabel ma kienu tħallsu l-iżborżi u l-miżuri obbligatorji li ħadu sabiex jadattaw il-liġi nazzjonali għal direttivi ġodda tal-Unjoni bħala stadji importanti jew miri fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza.